KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2025 [1]

Kawża C-115/24

UJ
vs
Österreichische Zahnärztekammer,
fil-preżenza ta':
Urban Technology GmbH,
DZK Deutsche Zahnklinik GmbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Saħħa pubblika – Kunċett ta' 'provvisti ta' kura tas-saħħa' – Kunċett ta' 'provvisti ta' kura tas-saħħa permezz tat-telemediċina' – Kunċett ta' 'provvisti ta' kura tas-saħħa fiżiċi' – Trattament kumpless li jipprevedi l-provvista ta' kura tas-saħħa permezz tat-telemediċina kif ukoll dik fiżika – Natura transkonfinali ta' din il-kura – Kunċett ta' 'fornitur tal-kura' – Dritt applikabbli – Direttiva 2011/24/UE – Stat Membru ta' trattament – Direttiva 2000/31/KE – Servizz minn soċjetà tal-informazzjoni – Direttiva 2005/36/KE – Kwalifiki professjonali – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 56 TFUE, u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 2(n), tal-Artikolu 3(d) u (e), tal-Artikolu 4(1)(a) u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali [2], tad-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern [3], kif ukoll tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali [4].

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 (ĠU 2011, L 88, p. 45).

[3] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[4] Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 (ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifiki fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, fil-ĠU 2008, L 93, p. 28 u fil-ĠU 2014, L 305, p. 115).

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-Österreichische Zahnärztekammer (il-Kamra Awstrijaka tat-Tobba Dentisti, l-Awstrija, iktar 'il quddiem l-"ÖZ") u UJ, dentista stabbilita fl-Awstrija, sostnuta minn Urban Technology GmbH u DZK Deutsche Zahnklinik GmbH (iktar 'il quddiem "DZK"), żewġ kumpanniji Ġermaniżi, u li għandha bħala suġġett appell fuq punt ta' liġi preżentat minn UJ kontra d-digriet mogħti fl-appell mill-Oberlandesgericht Graz (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz, l-Awstrija), li rriforma parzjalment id-digriet mogħti mil-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, l-Awstrija), liema digriet kien ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji mressqa mill-ÖZ intiża sabiex UJ tiġi provviżorjament ordnata tieqaf milli tipparteċipa direttament jew indirettament f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin li ma għandhomx l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka.

3. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' diversi atti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni kif ukoll tal-Artikolu 56 TFUE ddedikat għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, f'qasam partikolari, li għadu ftit li xejn ittrattat fil-ġurisprudenza tagħha minkejja li huwa suġġett li qed jiżviluppa malajr, jiġifieri t-telemediċina.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Il-liġi tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2000/31

4. Il-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31 tipprovdi:

"(18) Servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni jifirxu fuq medda aktar kbira ta' attivitajiet ekonomiċi li jseħħu on-line[.....] [A]ttivitajiet li min-natura propja tagħhom ma jistgħux jiġu mwettqa mill-bogħod b'mezzi elettroniċi, bħal ma huwa l-awditjar statutorju tal-kontijiet ta' kumpanija jew parir mediku li jinħtieġ eżami fiżiku ta' pazjent mhumiex servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni."

5. L-Artikolu 1 intitolat "Għan u qasam ta' applikazzjoni", ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafi 4 tiegħu:

"4. Din id-Direttiva ma tistabbilixxix regoli addizzjonali ta' liġi privata internazzjonali u lanqas ma titratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati."

6. L-Artikolu 2, intitolat "Definizzjonijiet", tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, dawn it-termini li ġejjin għandu jkollhom dawn it-tifsiriet:

(a) 'servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni': servizzi fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva [98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 20, p. 337)] kif emendata bid-Direttiva [98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998

(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8)] [5];

(b) 'dak li jipprovdi servizz': kull persuna naturali jew legali li tipprovdi servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni;

[…]

(h) 'qasam ikkordinat': ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni jew għas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, independentement minn jekk dawn ikunux ta' natura ġenerali jew iddisinjati speċifikament għalihom.

[…]"

7. L-Artikolu 3, intitolat "Suq intern", tal-istess direttiva jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 4 tiegħu:

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li s-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni provduti minn dak li jipprovdi servizz li jkun stabbilit fit-territorju tiegħu ikun konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru f'dak il-każ li huwa fil-qasam ikkordinat.

2. L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jidħlu fil-qasam ikkordinat, jillimitaw il-libertà li jkunu provduti servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni minn Stat Membru ieħor.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikunu applikabbli fl-oqsma li hemm referenza għalihom fl-Anness.

4. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jidderogaw mill-paragrafu 2 fir-rigward ta' servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunu mwettqa:

(a) il-miżuri għandhom ikunu:

(i) meħtieġa għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

– strateġija pubblika, partikolarment għal prevenzjoni, investigazzjoni, tkixxif u prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inklużi il-protezzjoni ta' minuri u tal-ġlieda kontra t-tixwix għall-mibegħda fuq il-bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità, u vjolazzjonijiet tad-dinjità umana li jikkonċernaw persuni ndividwali,

– il-protezzjoni tas-saħħa pubblika,

– is-sigurtà pubblika, inkluż is-salvagward tas-sigurtà nazzjonali u difiża,

[5] L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/48 jippreċiża li "servizzi" għandha tfisser: "kull servizz tas-Soċjetà ta' l-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi. Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni: – 'mill-bogħod'; tfisser illi servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament, – 'b'mezzi elettroniċi': tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għal kollox permezz ta'wajers, bir-radjo, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi, – 'fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi'; tfisser illi s-servizz jiġi pprovdut permezz tat-trasmissjoni ta' data fuq talba individwali. […]" Din id-definizzjoni ġiet riprodotta b'mod identiku għall-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1), li ħassret id-Direttivi 98/34 u 98/48.

– il-protezzjoni ta' konsumaturi, inklużi investituri;

(ii) meħuda kontra servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni mingħajr preġudizzju għall-għanijiet li hemm referenza għalihom f'punt (1) jew li jippreżentaw riskju serju u gravi għal dawk l-għanijiet;

(iii) proporzjonat għal dawk l-għanijiet;

(b) qabel ma jittieħdu l-miżuri f'dak il-każ u mingħajr preġudizzju għal proċess fil-qrati, inklużi proċedimenti prelimenari u atti mwettqa fil-qafas ta' investigazzjoni kriminali, l-Istat Membru jkun:

– talab lill-Istat Membru li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 biex jieħu l-miżuri u dan ta' l-aħħar ma jkunx ħa dawk il-miżuri, jew li dawn kienu inadegwati,

– innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 bl-intenzjoni tiegħu li jieħu dawk il-miżuri.

[…]"

2. Id-Direttiva 2005/36

8. Il-premessi 4, 6 u 8 tad-Direttiva 2005/36/KE jipprovdu:

"(4) Għandu jkun hemm regoli speċifiċi li l-għan tagħhom hu li jestendu l-possibiltà ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali taħt it-titolu professjonali oriġinali, sabiex teħfief il-provvista libera ta' servizzi. Fil-każ ta' servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni provduti mill-bogħod, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2000/31] għandhom japplikaw ukoll.

[…]

(6) Il-faċilitazzjoni tal-provvista ta' servizzi għandha tkun assigurata fil-kuntest ta' rispett serju tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, għandhom ikunu maħsuba dispożizzjonijiet speċifiċi għall-professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħa jew is-sigurtà pubblika, li joffru servizzi transkonfini ta' natura temporanja jew ta' kultant.

[…]

(8) Il-fornitur ta' servizzi għandu jkun soġġett għall-applikazzjoni ta' regoli dixxiplinarji ta' l-Istat Membru ospitanti li jkollhom konnessjoni diretta u speċifika mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, il-firxa ta' l-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li hu konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u sigurtà tal-konsumatur."

9. L-Artikolu 5, intitolat "Il-prinċipju tal-libertà li jiġu provduti servizzi" ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt Komunitarju, kif ukoll l-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jirrestriġu, għal xi raġuni relatata ma' kwalifiki professjonali, il-libertà li jiġu provduti servizzi fi Stat Membru ieħor:

(a) jekk il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit legalment fi Stat Membru bl-għan li jeżerċita l-istess professjoni hemmhekk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-'Istat Membru ta' stabbiliment'), u

(b) fejn il-fornitur tas-servizz jibdel il-pajjiż, jekk ikun eżerċita dik il-professjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment għal mhux inqas minn sentejn matul l-għaxar snin ta' qabel il-provvista tas-servizzi meta l-professjoni mhijiex regolata f'dak l-Istat Membru. Il-kondizzjoni li teħtieġ sentejn ta' eżerċizzju m'"ħandhiex tapplika fejn jew il-professjoni jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-professjoni huma regolati.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu għandhom japplikaw biss fejn il-fornitur tas-servizz imur fit-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti sabiex jeżerċita, fuq bażi temporanja u ta' kultant, il-professjoni msemmija fil-paragrafu 1.

In-natura temporanja u ta' kultant tal-provvista ta' servizzi għandha tkun stmata każ b'każ, b'tenut kont b'mod partikolari tat-tul taż-żmien, tal-frekwenza, tar-regolarità u tal-kontinwità tagħha.

3. Fejn il-fornitur tas-servizz jibdel il-pajjiż, għandu jkun soġġett għal regoli professjonali ta' natura professjonali statutorja, jew amministrattiva li huma konnessi direttament mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li huwa konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur, kif ukoll dispożizzjonijiet dixxiplinari li huma applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għal professjonisti li jeżerċitaw l-istess professjoni f'dak l-Istat Membru."

3. Id-Direttiva 2011/24

10. Il-premessi 2, 4, 8, 10, 11, 19 u 26 tad-Direttiva 2011/24 jipprovdu li:

"(2) L-Artikolu 114 TFUE huwa l-bażi legali adatta peress li l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern u l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi. Dment li l-kondizzjonijiet sabiex wieħed jirrikorri għall-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali jintlaħqu, jeħtieġ li l-leġislazzjoni tal-Unjoni toqgħod fuq din il-bażi legali anke meta l-ħarsien tas-saħħa pubblika jkun fattur deċiżiv fl-għażliet li jsiru. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 114(3) TFUE b'mod espliċitu jitlob li, fil-kisba tal-armonizzazzjoni, għandu jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem filwaqt li jitqies b'mod partikolari kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi.

[…]

(4) Minkejja l-possibbiltà li l-pazjenti jirċievu kura tas-saħħa transkonfinali skont din id-Direttiva, l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà li jipprovdu kura tas-saħħa sikura, ta' kwalità għolja, effiċjenti u kwantitattivament adegwata liċ-ċittadini fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni tagħha m'għandhomx iwasslu biex il-pazjenti jitħeġġu jirċievu trattament barra l-Istat Membru ta' affiljazzjoni tagħhom.

[…]

(8) Xi kwistjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali, b'mod partikolari r-rimborż tal-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru għajr għal dak fejn ir-riċevitur tal-kura huwa residenti, diġà ġew indirizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-direttiva hija maħsuba biex tilħaq applikazzjoni aktar ġenerali u anke effettiva tal-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-każ [każ b'każ].

[…]

(10) Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja fl-Unjoni u li tassigura l-mobbiltà tal-pazjenti skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u li tippromovi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali relatati mas-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' kura tas-saħħa u kura medika u ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari għall-mard.

(11) Din id-Direttiva għandha tapplika għal pazjenti individwali li jiddeċiedu li jfittxu kura tas-saħħa fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru ta' affiljazzjoni. Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, la n-natura speċjali tagħha u lanqas il-mod kif inhi organizzata jew iffinanzjata ma jneħħu l-kura tas-saħħa mill-ambitu tal-prinċipju fundamentali tal-libertà ta' forniment ta' servizzi. Madankollu, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jagħżel li jillimita r-rimborż ta' kura tas-saħħa transkonfinali għal raġunijiet relatati mal-kwalità u s-sigurtà tal-kura tas-saħħa pprovduta, fejn dan jista' jiġi ġġustifikat minħabba raġunijiet sovrastanti ta' interess ġenerali relatati mas-saħħa pubblika. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jwettaq ukoll miżuri ulterjuri għal raġunijiet oħra fejn dan jista jkun iġġustifikat minn tali raġunijiet sovrastanti ta' interess ġenerali. Tabilħaqq, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija fost ir-raġunijiet sovrastanti ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjonijiet għal-libertà tal-moviment prevista fit-Trattati.

[…]

(19) Meta pazjent jirċievi kura tas-saħħa transkonfinali, huwa essenzjali li l-pazjent ikun jaf minn qabel liema regoli ser ikunu applikabbli. Ir-regoli applikabbli għall-kura tas-saħħa transkonfinali għandhom ikunu dawk imniżżla fil-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament, peress li, skont l-Artikolu 168(7) TFUE, l-organizzazzjoni u t-twassil ta' servizzi tas-saħħa u kura medika huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Dan għandu jgħin lill-pazjent jagħmel għażla informata, u għandu jevita ideat żbaljati u nuqqas ta' ftehim. Dan għandu jistabbilixxi wkoll livell għoli ta' fiduċja bejn il-pazjent u l-fornitur tal-kura tas-saħħa.

[…]

(26) Id-dritt għar-rimborż tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor mis-sistema ta' sigurtà soċjali statutorja ta' pazjenti bħala persuni assigurati ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi deċiżjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-forniment ta' servizzi jinkludu l-libertà għar-riċevituri tal-kura tas-saħħa, inklużi persuni li jeħtieġu trattament mediku, li jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex jirċevuh hemmhekk. L-istess għandu japplika għar-riċevituri ta' kura tas-saħħa li jkunu qed jippruvaw jirċievu kura tas-saħħa pprovduta fi Stat Membru ieħor permezz ta' mezzi oħrajn, pereżempju permezz tas-servizzi tas-saħħa elettronika [servizzi elettroniċi tas-saħħa]."

11. Din id-direttiva hija komposta minn ħames kapitoli, jiġifieri l-Kapitolu I, intitolat "Dispożizzjonijiet Ġenerali", li jinkludi l-Artikoli 1 sa 3, il-Kapitolu II, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kura tas-saħħa transkonfinali", li jinkludi l-Artikoli 4 sa 6, il-Kapitolu III, intitolat "Rimborż ta' spejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali", li jinkludi l-Artikoli 7 sa 9, il-Kapitolu IV, intitolat "Kooperazzjoni dwar il-kura tas-saħħa", li jinkludi l-Artikoli 10 sa 15, u, fl-aħħar nett, il-Kapitolu V, intitolat "Dispożizzjonijiet implimentattivi u finali", li jinkludi l-Artikoli 16 sa 23.

12. L-Artikolu 1, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni" tal-imsemmija direttiva jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Din id-Direttiva tipprevedi regoli għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sikura u ta' kwalità għolja u tippromovi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali fl-organizzazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa. Din id-Direttiva għandha l-għan ukoll li tiċċara r-relazzjoni tagħha mal-qafas eżistenti dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, ir-[Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72)], bil-għan li d-drittijiet tal-pazjenti jkunu applikati.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-forniment ta' kura tas-saħħa lill-pazjenti, irrispettivament minn kif tkun organizzata, mogħtija u ffinanzjata."

13. L-Artikolu 2, intitolat "Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni", tal-istess direttiva jipprovdi li:

"Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal:

[…]

(e) Id-Direttiva [2000/31];

[…]

(n) Id-Direttiva [2005/36];

[…]"

14. L-Artikolu 3, intitolat "Definizzjonijiet", tad-Direttiva 2011/24, huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzdatajonijiet li ġejjin:

(a) 'kura tas-saħħa' tfisser servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi;

[…]

(d) 'Stat Membru tat-trattament' tfisser l-Istat Membru li fil-fatt tiġi pprovduta fit-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa lill-pazjent. Fil-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala li hija pprovduta fl-Istat Membru fejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa jkun stabbilit;

(e) 'kura tas-saħħa transkonfinali' tfisser kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' affiljazzjoni;

(f) 'professjonist tas-saħħa' tfisser tabib, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali,dentist, majjistra jew spiżjar fis-sens tad-Direttiva [2005/36], jew professjonist ieħor li jeżerċita attivitajiet fis-settur tal-kura tas-saħħa li huma ristretti għal professjoni regolata kif definit fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva [2005/36], jew persuna meqjusa li hi professjonist tas-saħħa skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament;

(g) 'fornitur tal-kura tas-saħħa' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità oħra li legalment jipprovdu kura tas-saħħa fit-territorju ta' Stat Membru;

[…]"

15. L-Artikolu 4, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istat Membru tat-trattament" ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"B'kont meħud tal-prinċipji tal-universalità, tal-aċċess għal kura ta' kwalità tajba, tal-ekwità u tas-solidarjetà, il-kura tas-saħħa transkonfinali għandha tiġi pprovduta skont:

(a) il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament;

(b) l-istandards u l-linji gwida dwar il-kwalità u s-sikurezza stabbiliti mill-Istat Membru tat-trattament; u

(c) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards tas-sikurezza."

16. L-Artikolu 7, intitolat "Prinċipji ġenerali għar-rimborż tal-ispejjeż" tal-imsemmija direttiva jipprovdi, fil-paragrafu 7 tagħha:

"L-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuna assigurata li tkun qed tipprova tikseb rimborż tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż il-kura tas-saħħa meħuda permezz tal-mezzi tat-telemediċina, l-istess kondizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi, kemm jekk stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, li timponi kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu. Dan jista' jinkludi valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa li jipprovdu servizzi għas-sistema

tas-sigurtà soċjali statutorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, bħall-prattikant ġenerali jew il-prattikant tal-kura primarja ma' min ikun reġistrat il-pazjent, jekk dan ikun neċessarju għad-determinazzjoni tad-dritt tal-pazjent individwali għall-kura tas-saħħa. Madankollu, l-ebda kondizzjoni, kriterju għall-eliġibbiltà u formalità regolatorja u amministrattiva imposti skont dan il-paragrafu ma jistgħu jkunu diskriminatorji jew jikkostitwixxu ostaklu għall-moviment liberu ta' pazjenti, servizzi jew merkanzija, jekk kemm-il darba dan ma jkunx iġġustifikat oġġettivament mir-rekwiżiti tal-ippjanar marbuta mal-ħsieb li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u permanenti għal għażla bbilanċjata ta' trattamenti ta' kwalità għolja fl-Istat Membru kkonċernat jew max-xewqa li jiġu kkontrollati l-ispejjeż u tiġi evitata, kemm jista' jkun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani."

B. Il-liġi Awstrijaka

17. Skont l-Artikolu 3(1) taz-Zahnärztegesetz (il-Liġi Awstrijaka dwar it-Tobba Dentisti, iktar 'il quddiem iz-"ZÄG")[6], il-professjoni ta' dentist tista' tiġi eżerċitata biss skont il-modalitajiet previsti minn din il-liġi.

18. Skont l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija liġi, il-professjoni ta' dentist tinkludi kull attività bbażata fuq għarfien xjentifiku fil-qasam tad-dentristrija, inklużi l-proċeduri ta' terapija li jaqgħu taħt il-mediċina komplementari u alternattiva, li hija eżerċitata direttament fuq il-bniedem jew indirettament għall-bniedem.

19. Konformement mal-Artikolu 4(3) ta' din l-istess liġi, il-qasam ta' attività rriżervat lill-membri tal-professjoni ta' dentisti jinkludi, fost oħrajn, l-eżami tal-preżenza jew tal-assenza ta' mard jew anomalitajiet tas-snin, it-trattament tagħhom, inklużi l-interventi kożmetiċi u estetiċi fuq is-snin, sa fejn dawn ikunu jeħtieġu eżami u dijanjożi ta' dentist, kif ukoll il-preskrizzjoni għal prodotti mediċinali, rimedji jew għajnuna fid-dijanjożi fid-dentistrija.

20. Skont l-Artikoli 24, 25 u 26 taz-ZÄG, il-membri tal-professjoni ta' dentisti għandhom jeżerċitaw il-professjoni tagħhom personalment u direttament, jew jekk ikun il-każ, f'kollaborazzjoni ma' membri oħra ta' din il-professjoni jew ma' membri ta' professjoni oħra tas-saħħa, b'mod partikolari fil-forma ta' gruppi li jikkondividu kliniċi u apparat (Artikolu 25 ta' din il-liġi) jew ta' kliniċi ta' grupp ta' professjonisti (Artikolu 26 tal-imsemmija liġi). Barra minn hekk, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, huma jistgħu jimpjegaw persunal awżiljarju, sakemm dawn jaġixxu skont l-istruzzjonijiet preċiżi tagħhom u taħt is-sorveljanza permanenti tagħhom (Artikolu 24(2) tal-istess liġi). Għalkemm, skont l-Artikolu 26(1)(2) taz-ZÄG, klinika ta' grupp ta' professjonisti tista' tiġi operata taħt il-forma ġuridika ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, dan huwa madankollu suġġett għall-kundizzjoni, b'mod partikolari, li s-soċji kollha jkunu membri tal-professjoni ta' dentisti li jistgħu jeżerċitaw din il-professjoni b'mod indipendenti (Artikolu 26(3)(1) ta' din il-liġi).

21. L-Artikolu 31 ta' din il-liġi jirregola "l-libertà li jiġu pprovduti servizzi" u huwa fformulat kif ġej:

"(1) Iċ-ċittadini ta' Stat li huwa membru għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u dawk tal-Konfederazzjoni Żvizzera li jeżerċitaw legalment il-professjoni ta' dentisti f'wieħed mill-Istati l-oħra partijiet għal dan il-ftehim jew fl-Isvizzera jistgħu, fil-kuntest tal-libertà li jiġi pprovduti servizzi, jeżerċitaw temporanjament, mid-domiċilju tal-professjoni tagħhom jew

[6] BGBl I 126/2005, kif emendata fl-2023 (BGBl I 191/2023).

mill-post tal-impjieg tagħhom barra mill-pajjiż, attività ta' dentist fl-Awstrija mingħajr ma jkunu elenkati fil-lista tat-tobba dentisti.

(2) Qabel ma jipprovdi fl-Awstrija għall-ewwel darba provvista ta' dentistrija li teħtieġ soġġorn temporanju fit-territorju federali, il-fornitur tas-servizzi għandu jinforma b'dan bil-miktub lill-Kamra Awstrijaka tat-Tobba Dentisti, permezz tal-Kamra tat-Tobba Dentisti tal-Land li fiha jkollu jingħata s-servizz, billi jiġu mehmużin id-dokument li ġejjin: […]"

22. Il-qrati Awstrijaċi diġà ddeċidew, f'kawżi relattivi għad-dritt tal-kompetizzjoni, li din id-dispożizzjoni tkopri biss il-persuni fiżiċi awtorizzati sabiex jeżerċitaw il-professjoni, u mhux il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, u dan *a fortiori* meta l-istruttura tal-ishma tagħhom ma tkunx konformi mal-Artikolu 26 taz-ZÄG.

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. L-ÖZ hija korp irregolat mid-dritt pubbliku stabbilit fi Vjenna (l-Awstrija) legalment awtorizzat jiddefendi l-interessi tat-tobba dentisti Awstrijaċi u tad-dentisti Awstrijaċi.

24. UJ hija tabiba dentista stabbilita fl-Awstrija li hija awtorizzata, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, teżamina kif ukoll tikkura pazjenti fil-kuntest ta' kuntratti ta' kura li tikkonkludi magħhom.

25. Urban Technology u DZK huma parti minn impriża dentali li topera fid-dinja kollha. Urban Technology hija stabbilita fil-Ġermanja u għandha bħala għan "il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-prodotti lifestyle għall-klijenti finali". Hija tippromwovi proċess, li jaqa' taħt il-mediċina dentali, ta' allinjatur tas-snien permezz ta' braces tal-ħalq trasparenti, ikkummerċjalizzat taħt it-trade mark "DrSmile". Permezz tas-sit internet tagħha, il-klijenti potenzjali jistgħu jitolbu appuntament ma' "tabib dentist imsieħeb", bħal UJ, li jeżerċita l-professjoni fil-post li jkunu għażlu, b'mod partikolari fl-Awstrija. Ladarba jiġi miftiehem appuntament bħal dan, dan it-tabib dentist imsieħeb jieħu l-istorja medika fil-klinika tiegħu stess, iwettaq intervista għal informazzjoni u 3D scan tax-xedaq, kif ukoll trattamenti preliminari eventwalment neċessarji għat-terapija bi braces dentali. Sussegwentement, l-imsemmi tabib dentist imsieħeb jittrażmetti lil DZK il-materjal ta' immaġni mediċi flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar il-proċedura ta' allinjament dentali. DZK hija wkoll stabbilita fil-Ġermanja[7]. Wara eżami tal-fajl, DZK tibgħat lill-klijent pjan ta' trattament li jinkludi informazzjoni kompleta dwar il-prezz.

26. Wara l-validazzjoni ta' dan il-pjan ta' trattament, hija biss DZK li tikkonkludi mal-pazjenti kuntratt ta' kura li jinkludi s-servizzi kollha relatati ma' allinjament dentali "DrSmile". Hija tixtri l-braces dentali mingħand Urban Technology, li min-naħa tagħha tordnahom mingħand terzi. Il-klijent jirċievi l-braces dentali bil-posta. Il-monitoraġġ ulterjuri huwa żgurat permezz ta' applikazzjoni li tappartjeni lil DZK li biha l-pazjenti jibagħtulha regolarment ritratti ta' snienhom. Barra minn hekk, DZK għandha relazzjoni kuntrattwali mat-tabib dentist imsieħeb magħha, f'dan il-każ UJ, u tħallasha għas-servizzi mogħtija fil-kuntest tal-kura "DrSmile" lill-pazjenti kkonċernati.

[7] L-imsieħba ta' Urban Technology u ta' DZK ma humiex tobba dentisti. DZK għandha madankollu ftehim u awtorizzazzjonijiet oħra neċessarji previsti mid-dritt Ġermaniż sabiex topera fil-Ġermanja ċentru ta' kura fil-qasam tal-mediċina dentali fil-Ġermanja ("klinika dentali").

27. L-ÖZ ressqet, quddiem il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt), azzjoni ta' inibizzjoni, skont il-Bundesgesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (il-Liġi Federali Kontra l-Kompetizzjoni Żleali)[8], akkumpanjata minn talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex UJ tiġi pprojbita, permezz ta' ordni provviżorja u sakemm is-sentenza li tiddeċiedi dwar l-azzjoni ta' inibizzjoni tkun saret *res judicata*, milli tipparteċipa direttament jew indirettament f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin li la għandhom awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw fl-Awstrija l-professjoni ta' tabib dentist abbażi taz-ZÄG, u lanqas awtorizzazzjoni għall-operat ta' stabbiliment ta' kura kif previst mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka.

28. UJ, min-naħa tagħha, issostni li DZK, li magħha tikkollabora, hija kumpannija ta' kura privata approvata skont id-dritt Ġermaniż, li l-attivitajiet tagħha huma legali fl-Awstrija għal dak li jirrigwarda t-telemediċina, bħalma hija leċita l-kollaborazzjoni ma' din l-istess impriża għat-tqassim tax-xogħol fil-kuntest tat-trattament ortodontiku. Barra minn hekk, UJ tiddikjara li hija teżerċita l-attivitajiet tagħha direttament, personalment u indipendentement minn kull istruzzjoni.

29. Il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt) ċaħdet it-talba għal miżuri provviżorji mressqa mill-ÖZ billi qieset li UJ ma tipparteċipax f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati minn Urban Technology u DZK; li jeżistu żewġ kuntratti ta' kura li għandhom jiġu kkunsidrati separatament, u, għaldaqstant, li UJ la għandha tiġi kklassifikata bħala "awżiljarju eżekuttiv" u lanqas bħala parteċipant, fit-territorju Awstrijak, f'attivitajiet ta' mediċina dentali barranin.

30. Adita b'rikors kontra d-deċiżjoni ta' din il-qorti, l-Oberlandesgericht Graz (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz), essenzjalment, laqgħet it-talba għal miżuri provviżorji. Hija kkunsidrat b'mod partikolari li UJ kienet qiegħda taġixxi bħala "awżiljarju eżekuttiv" ta' DZK fil-kuntest tal-kuntratti ta' kura konklużi bejn din tal-aħħar u l-pazjenti; li DZK ma kinitx awtorizzata tipprovdi servizzi ta' mediċina dentali fl-Awstrija; li s-servizzi ta' kura pprovduti minn DZK fl-Awstrija permezz ta' UJ, li taġixxi bħala awżiljarju eżekuttiv, kienu pprovduti direttament u mingħajr l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; li UJ kienet tipparteċipa għalhekk f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fit-territorju nazzjonali minn kumpannija barranija mingħajr ma kienet awtorizzata teżerċita l-professjoni ta' tabib dentist skont iz-ZÄG u mingħajr ma kellha, fid-dritt Awstrijak, awtorizzazzjoni ta' operat skont id-dritt applikabbli għall-istabbilimenti ta' kura simili; li UJ kienet b'hekk, minn naħa, qed tikser ir-regoli fil-qasam ta' kooperazzjoni previsti fl-Artikolu 24 taz-ZÄG, u, min-naħa l-oħra, kienet qiegħda tipparteċipa, bħala awżiljarju eżekuttiv, fi ħsara mwettqa, minn kumpannija barranija, lill-qasam irriżervat lill-membri tal-professjoni l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(3) taz-ZÄG.

31. L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju, hija adita b'appell fuq punt ta' liġi ppreżentat minn UJ, li permezz tiegħu hi titlob, essenzjalment, iċ-ċaħda tat-talba għal miżuri provviżorji mressqa mill-ÖZ.

32. Fl-ewwel lok, dik il-qorti tistaqsi jekk UJ tipparteċipax realment f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin. Fil-fatt, hija tirrileva li jeżisti kuntratt ta' kura uniku li jorbot lill-pazjent u lil DZK b'tali mod li hija biss din tal-aħħar li, legalment, tipprovdi s-servizz lill-pazjent. UJ, min-naħa tagħha, għandha rabtiet kuntrattwali biss ma' DZK bħala awżiljarju eżekuttiv tagħha. Għalhekk tqum il-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-post fejn

[8] BGBl. 448/1984.

is-servizzi ta' mediċina dentali qiegħdin jiġu "pprovduti". B'mod partikolari, għandu jiġi ddeterminat jekk il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini japplikax f'dan il-każ u jekk il-post tal-provvista huwiex għalhekk il-Ġermanja, fejn DZK topera b'mod legali klinika dentali. L-imsemmija qorti tistaqsi għalhekk jekk l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, li jipprovdi li, fil-każ tat-telemediċina, il-kura tas-saħħa titqies li ngħatat fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, huwiex intiż li japplika biss għall-finijiet tar-rimborż tal-ispejjeż fis-sens tal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, jew jekk jistabbilixxix, għas-servizzi tat-telemediċina, prinċipju ġenerali tal-pajjiż ta' oriġini, jew ukoll jekk tali prinċipju jistax jiġi dedott mid-Direttiva 2000/31.

33. Fit-tieni lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-Direttiva 2011/24 tapplikax f'dan il-każ, l-istess qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk it-termini "kura tas-saħħa" "pprovduta" "fil-każ ta' telemediċina", fis-sens tal-Artikolu 3(d) ta' din id-direttiva, humiex relatati esklużivament ma' servizzi mediċi individwali mwettqa (b'mod transkonfinali) bl-għajnuna tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (iktar 'il quddiem l-"ICT") jew jekk humiex relatati ma' kuntratt ta' kura komprensiva li jista' jinkludi wkoll eżamijiet fiżiċi mwettqa fl-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent, u jekk is-servizzi pprovduti permezz ta' dawn it-teknoloġiji għandhomx ikunu predominanti sabiex il-"kura tas-saħħa" tiġi "pprovduta" "fil-każ ta' telemediċina". Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'każ ta' rabta bejn dawn iż-żewġ tipi ta' prestazzjonijiet, bħal ma hemm fil-każ preżenti, jistax jitqies li fil-ġeneralità tiegħu dan jikkostitwixxi "kura tas-saħħa transkonfinali" fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24.

34. Fit-tielet lok, din il-qorti tistaqsi dwar id-dritt applikabbli għat-"telemediċina". F'dan ir-rigward, hija rilevanti l-interazzjoni bejn, minn naħa, l-Artikolu 2(n), l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4(a) tad-Direttiva 2011/24, u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36, li jipprovdi li fornitur ta' servizzi li "jibdel il-pajjiż" billi jmur lejn Stat Membru ieħor huwa suġġett għar-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva applikabbli fl-Istat Membru ospitanti. Hija wkoll rilevanti r-rabta bejn id-Direttiva 2000/31, b'mod partikolari l-Artikolu 2(h)(ii) u l-premessa 18 tagħha, id-Direttiva 2005/36, b'mod partikolari l-Artikolu 5 u l-premessa 4 tagħha, u d-Direttiva 2011/24, b'mod partikolari l-Artikolu 2(n) tagħha, l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4(a) tagħha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'kuntest ieħor, li l-assistenza kummerċjali fil-qasam fiskali pprovduta b'mod transkonfinali u mingħajr ma l-persuni li jagħixxu f'dan il-kuntest jiċċaqilqu fl-Istat Membru l-ieħor ma taqax taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36, peress li dan l-artikolu japplika biss fil-każ li l-fornitur imur fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti[9]. Skont l-imsemmija qorti, fir-rigward tal-kura tas-saħħa, u sabiex jiġu protetti l-pazjenti, ir-regoli professjonali tal-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent għandhom jiġu osservati anki fil-każ ta' sempliċi servizzi ta' korrispondenza transkonfinali u minkejja l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

35. Fir-raba' u l-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 56 TFUE fil-każ li għandu jitqies li s-servizzi ta' mediċina dentali mwettqa minn UJ huma legalment "ipprovduti" fl-Awstrija. B'mod iktar preċiż, minn naħa, sa fejn hija kkonċernata UJ, allura tqum id-domanda jekk, billi hi ma tagħixxix fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kura proprja, iżda biss bħala awżiljarju eżekuttiv ta' DZK, UJ kisritx iz-ZÄG li tirregola l-professjoni tat-tobba dentisti billi qiegħda tippreġudika is-settur irriżervat għall-membri ta' din il-professjoni. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tfakkar li, anki jekk DZK hija approvata fil-Ġermanja bħala klinika privata, hija la għandha, fl-Awstrija, awtorizzazzjoni għall-operat skont il-liġi applikabbli għall-istabbilimenti ta' kura u lanqas awtorizzazzjoni skont iz-ZÄG. Barra minn hekk, l-istruttura tal-ishma tagħha tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi għalhekk dwar

[9] Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, X-Steuerberatungsgesellschaft (C-342/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza X-Steuerberatungsgesellschaft", EU:C:2015:827, punti 34 u 35).

il-kwistjoni jekk id-dispożizzjonijiet taz-ZÄG, li jippermettu prinċipalment l-eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni u libertà li jiġu pprovduti servizzi biss "b'mod temporanju" miċ-"ċittadini taż-ŻEE", humiex konformi mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi prevista fl-Artikoli 56 *et seq*. TFUE, meta, bħal f'dan il-każ, it-tabib dentist barrani jipprovdi, b'mod permanenti, is-servizzi tiegħu fil-kuntest ta' kuntratt ta' kura uniku, parzjalment minn barra l-pajjiż (bl-għajnuna tal-ICT) u parzjalment fit-territorju nazzjonali billi jirrikorri, bħala awżiljarju eżekuttiv, għal tabib dentist awtorizzat jipprattika f'dan it-territorju. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' DZK, dik il-qorti tistaqsi jekk applikazzjoni (b'analoġija) tad-dispożizzjonijiet dwar il-kliniċi ta' grupp ta' professjonisti li jinsabu fl-Artikolu 26 taz-ZÄG, li jgħidu li l-membri jistgħu jkunu biss tobba dentisti hijiex, hija wkoll, kuntrarja għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fid-dawl, speċjalment, tal-ġurisprudenza li tgħid li l-Istati Membri jistgħu jirrestriġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi mediċi u ta' kura fl-isptar, sa fejn iż-żamma ta' kapaċità ta' kura jew ta' kompetenza medika fit-territorju nazzjonali hija essenzjali għas-saħħa pubblika, jiġifieri saħansitra għas-sopravivenza tal-popolazzjoni tagħha, iktar u iktar meta l-persuni fiżiċi ma jiggarantixxux neċessarjament livell ogħla ta' kura mill-persuni ġuridiċi [10].

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1.1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva [2011/24], li jipprovdi li, fil-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa titqies li hija pprovduta fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, jestendi biss għar-rimbors tal-ispejjeż fis-sens tal-Artikolu 7 tagħha?

1.2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 1.1, l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 jipprovdi prinċipju ġenerali tal-pajjiż ta' oriġini fir-rigward ta' servizzi ta' telemediċina?

1.3) Id-Direttiva [2000/31] tistabbilixxi prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fir-rigward ta' servizzi ta' telemediċina?

2.1) Il-'kura tas-saħħa pprovduta fil-każ ta' telemediċina', fis-sens tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, hija marbuta esklużivament ma' servizzi mediċinali individwali mwettqa (transkonfinalment) bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), jew hija marbuta ma' kuntratt ta' kura komplet li jista' jinkludi wkoll eżamijiet fiżiċi mwettqa fl-Istat ta' residenza tal-pazjent?

2.2) Jekk il-'kura tas-saħħa pprovduta fil-każ ta' telemediċina' tista' tinkludi wkoll eżamijiet fiżiċi, is-servizzi mwettqa bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandhom jipprevalu, u fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, liema kriterji għandhom jiġu evalwati għal din il-prevalenza?

2.3) Trattament mediku fl-intier tiegħu għandu jitqies li huwa 'kura tas-saħħa transkonfinali' fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24 jekk, mill-perspettiva tal-pazjent, il-fornitur tal-kura tas-saħħa (f'dan il-każ, klinika dentali) li huwa stabbilit fl-Istat Membru ieħor u li flimkien miegħu l-pazjent ikun ikkonkluda kuntratt ta' kura jipprovdi parti

[10] Ara s-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kohll", EU:C:1998:171, punt 51), u tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet (C-385/99, EU:C:2003:270, punt 67).

mit-trattament globali bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), filwaqt li l-parti l-oħra tas-servizz globali tiġi pprovduta minn fornitur ta' kura tas-saħħa (li jeżerċita l-professjoni ta' dentist) stabbilit fl-istess Stat Membru bħall-pazjent?

3.1) L-Artikolu 2(n) flimkien mal-Artikoli 3(d) u 4(a) tad-Direttiva 2011/24, u flimkien mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva [2005/36], għandu jiġi interpretat fis-sens li klinika dentali stabbilita fil-Ġermanja hija marbuta, meta tipprovdi "kura tas-saħħa" bit-"telemediċina" fl-Awstrija, tosserva r-regoli professjonali nazzjonali, ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva fis-seħħ f'dan il-pajjiż (b'mod partikolari l-Artikoli 24, 26 u 31 taz-[ZÄG]?

3.2) L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36 għandu jiġi interpretat fis-sens li fornitur ta' kura tas-saħħa jiċċaqlaq fi Stat Membru ieħor meta tali fornitur jipprovdi biss servizzi mediċinali bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)? Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għal din id-domanda, ikun hemm ċaqliq lejn Stat Membru ieħor jekk dan il-fornitur iwettaq eżamijiet fiżiċi jew trattament permezz ta' aġenti fl-Istat ta' residenza tal-pazjent?

4) Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 *et seq*. TFUE tipprekludi r-rekwiżiti stabbiliti [fiz-ZÄG], li fl-Artikolu 24 *et seq*. tagħha tipprovdi prinċipalment l-eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni u tawtorizza l-moviment liberu tas-servizzi biss "temporanjament" għal "ċittadini ta' Stat li huwa parti mill-Ftehim ŻEE" skont l-Artikolu 31 tagħha, u dan f'sitwazzjonijiet bħal dik inkwistjoni, fejn dentist barrani jipprovdi servizzi, prinċipalment fuq bażi permanenti, abbażi ta' kuntratt ta' kura uniku, parzjalment minn barra bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) (fis-sens ta' servizzi b'korrispondenza transkonfinali) u parzjalment fit-territorju nazzjonali permezz ta' dentist Awstrijak li huwa awtorizzat jipprattika l-professjoni bħala aġent?"

37. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn UJ, mill-ÖZ, minn Urban Technology, minn DZK, mill-Gvern Awstrijak, mill-Gvern Olandiż u mill-Gvern Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-istess partijiet, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Awstrijak u dak Pollakk, ippreżentaw ukoll osservazzjonijiet orali waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fit-13 ta' Frar 2025.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti domandi preliminari

38. L-ÖZ u r-Repubblika tal-Awstrija, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, eċċepixxew l-inammissibbiltà ta' wħud mid-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju. B'mod partikolari, ġew attakkati, l-ewwel nett, id-domandi 1.1 sa 1.3, 2.1, 2.2, 3.1 u 3.2, li huma allegatament ipotetiċi[11] jew li ma għandhom ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali[12], minħabba li dawn allegatament jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2011/24, 2000/31 u 2005/36 dwar servizzi ta' "telemediċina", filwaqt li t-trattament dentali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonsisti f' "atti fiżiċi"; it-tieni nett, id-domandi 3.1 u 3.2,

[11] B'mod iktar preċiż, ir-Repubblika tal-Awstrija tattakka d-domandi 1.1 sa 1.3, 2.1, 2.2, 3.1 u 3.2.

[12] B'mod iktar preċiż, l-ÖZ tattakka d-domandi 1.2, 1.3, 3.1 u 3.2.

li, skont ir-Repubblika tal-Awstrija, huma doppjament ipotetiċi sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2005/36 allegatament ma jinkludix il-persuni ġuridiċi bħal Urban Technology u DZK, u, it-tielet u l-aħħar nett, id-domanda 4, li, skont ÖZ, ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari, sa fejn din allegatament ma hijiex ifformulata b'mod "ċar u preċiż".

39. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, domanda preliminari li tirrigwarda d-dritt tal-Unjoni tibbenefika minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar tali domanda huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [13].

40. Issa, f'dan il-każ, nosserva li d-deċiżjoni tar-rinviju tiddeskrivi b'mod suffiċjentement iddettaljat il-kuntest ġuridiku u fattwali li fih taqa' l-kawża prinċipali. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jippermettu li tiġi ddeterminata l-portata tad-domandi magħmula u li jiġi konkluż li dawn la huma ipotetiċi, la huma nieqsa minn rabta mas-suġġett tal-kawża li għandha quddiemha, u lanqas ma huma redatti b'mod insuffiċjentement "ċar u preċiż". Fil-fatt, l-ewwel nett, fir-rigward tad-domandi preliminari 1.1 sa 1.3, 2.1, 2.2, 3.1 u 3.2, u tal-allegata inapplikabbiltà tad-Direttivi 2011/24, 2000/31 u 2005/36 minħabba li l-kura tas-saħħa mogħtija minn DZK hija biss ta' natura fiżika u għalhekk ma taqax taħt il-kunċett ta' "servizzi ta' telemediċina", nirrileva li dawn id-domandi jirrigwardaw, taħt aspetti differenti, preċiżament il-klassifikazzjoni u t-trattament ġuridiku ta' din il-kura tas-saħħa u ma jistgħux, għaldaqstant, jitqiesu li huma ipotetiċi jew li ma humiex relatati mas-suġġett tat-tilwima. It-tieni nett, fir-rigward tan-natura ipotetika tad-domandi 3.1 u 3.2 li tirriżulta, skont ir-Repubblika tal-Awstrija, mill-fatt li d-Direttiva 2005/36 ma tistax tapplika għall-persuni ġuridiċi bħal DZK, nippreċiża li għalkemm din id-direttiva tiggarantixxi r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba miċ-*ċittadini* tal-Istati Membri fi Stat Membru wieħed jew iktar, jiġifieri persuni fiżiċi, għall-finijiet tal-aċċess għall-professjonijiet irregolati li hija tkopri u l-eżerċizzju tagħhom fi Stat Membru ieħor, dawn iż-żewġ domandi huma fformulati fil-kuntest tal-konfigurazzjoni partikolari fejn persuna fiżika, f'dan il-każ UJ, li teżerċita l-professjoni tagħha u bħala tabiba dentista, taġixxi bħala "awżiljarju eżekuttiv" ta' persuna ġuridika, f'dan il-każ DZK, fejn għaldaqstant l-applikabbiltà tal-imsemmija direttiva għandha l-karatteristiċi ta' kwistjoni relattiva għall-mertu [14]. It-tielet nett, fir-rigward tad-domanda 4, inqis li din id-domanda tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondiha b'mod utli [15].

41. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li d-domandi preliminari kollha magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ammissibbli.

[13] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2025, Arce (C-365/23, EU:C:2025:192, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2005/36. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, fil-passat li tanalizza l-mertu tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36 fir-rigward tal-persuni ġuridiċi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, X-Steuerberatungsgesellschaft (punti 34 u 35), kif ukoll, fir-rigward tal-ammissibbiltà, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fl-istess kawża (C-342/14, EU:C:2015:646, punti 42 sa 46 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

[15] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, Levola Hengelo (C-310/17, EU:C:2018:899, punt 30).

B. Fuq il-mertu

42. Il-qorti tar-rinviju, peress li qieset li l-kuntest fattwali li fih taqa' l-kawża prinċipali jqajjem numru ta' domandi marbuta mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tad-Direttivi 2011/24, 2000/31 u 2005/36 kif ukoll tal-Artikolu 56 TFUE, iddeċidiet li tagħmel sensiela ta' domandi li jirrigwardaw aspetti differenti marbuta mal-klassifikazzjoni, u mal-konsegwenzi li din il-klassifikazzjoni ġġib magħha, tal-kura tas-saħħa ta' natura ibrida, jiġifieri kura li timplika kemm il-provvista ta' servizzi pprovduti fiżikament minn tabib dentist kif ukoll il-provvista ta' servizzi pprovduti mill-bogħod permezz ta' ICT.

43. B'mod iktar preċiż, id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju dwar sitwazzjoni fejn persuni stabbiliti fl-Awstrija rrikorrew għal eżamijiet u trattamenti neċessarji għal terapija ta' allinjament dentali mwettqa minn tabib dentist awtorizzat jipprattika fl-Awstrija, u sussegwentement komplew it-trattament permezz ta' applikazzjoni diġitali skont kif previst f'kuntratt ta' kura ta' allinjament konkluż ma' klinika dentali rregolata mid-dritt Ġermaniż u li ma hijiex awtorizzata topera fl-Awstrija.

44. F'dan ir-rigward, nirrileva qabelxejn li, f'dan il-każ, minkejja l-fatt li l-azzjoni għal inġunzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija mressqa kontra t-tabib dentist, UJ, ir-riżervi mqajma minn din il-qorti jidhru li għandhom bħala suġġett prinċipali s-sitwazzjoni legali li fiha tinsab DZK. Fil-fatt, ma huwiex ikkontestat li UJ tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka sabiex tkun tista' teżerċita l-attività ta' tabib dentist fl-Awstrija.

45. Fir-realtà, dawn ir-riżervi jirrigwardaw pjuttost il-klassifikazzjoni tal-fatti fil-kawża prinċipali, li tidher li tikkostitwixxi l-premessa tar-raġunament ġuridiku tal-qorti tar-rinviju, jiġifieri li UJ teżerċita fl-Awstrija bħala "awżiljarju eżekuttiv" ta' DZK, bil-konsegwenza li din tal-aħħar hija, f'dan il-każ, l-unika fornitriċi tat-trattament dentali, trattament li jikkostitwixxi kura unika, minkejja li huwa kompost minn diversi servizzi ta' natura differenti. Madankollu, il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux ma' din il-klassifikazzjoni ġuridika, u dan jaffettwa għalhekk l-interpretazzjoni li huma jipproponu fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi msemmija fil-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46. F'kuntest bħal dan, u bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju tal-fondatezza ta' din il-premessa, nipproponi li dawn id-diversi aspetti jiġu analizzati fl-ordni li ġej: fl-ewwel lok, għandu jiġi evalwat jekk, u taħt liema kundizzjonijiet, attività bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax titqies li tifforma parti minn servizz ta' "telemediċina" fis-sens tad-Direttiva 2011/24 (*domandi 2.1 sa 2.3*); sussegwentement, għandhom jiġu eżaminati l-konsegwenzi legali li tali klassifikazzjoni għandha kemm mill-perspettiva tad-Direttiva 2011/24 (*domandi 1.1 u 1.2*) kif ukoll minn dik tad-Direttiva 2000/31 (*domanda 1.3*); barra minn hekk, għandha tiġi analizzata r-rilevanza tad-Direttiva 2005/36 (*domandi 3.1 u 3.2*) u, fl-aħħar lok, ir-rilevanza tal-libertajiet ta' moviment u, b'mod partikolari, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikolu 56 TFUE) u tal-libertà ta' stabbiliment (Artikolu 49 TFUE) (*domanda 4*).

1. Dwar il-klassifikazzjoni ta' servizz ta' "telemediċina" fis-sens tad-Direttiva 2011/24 (domandi 2.1 sa 2.3)

47. Permezz tad-domandi 2.1 sa 2.3 tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, minn naħa, dwar jekk il-kunċett ta' "kura tas-saħħa" "pprovduta" "fil-każ ta' telemediċina", imsemmi fl-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 jinkludix biss servizz mediku mwettaq esklużivament

permezz tal-ICT jew ukoll kuntratt ta' kura komplet, li jinkludi eżamijiet fiżiċi u, f'dan it-tieni każ, jekk il-parti tas-servizzi fiżiċi għandhiex tkun predominanti u, jekk ikun il-każ, kif għandha tiġi evalwata din il-predominanza. Min-naħa l-oħra, dik il-qorti tixtieq tkun taf jekk trattament mediku għandux jitqies kollu kemm hu bħala li jaqa' taħt "kura tas-saħħa transkonfinali", fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24, meta l-fornitur ta' parti mit-trattament ikun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak tal-pazjent u meta parti oħra minn dan it-trattament tiġi pprovduta minn fornitur ieħor stabbilit fl-istess Stat Membru tal-pazjent.

48. Dawn id-domandi, magħmula sabiex jiġi ddeterminat jekk id-Direttiva 2011/24 tapplikax f'dan il-każ [16], huma intiżi sabiex isir magħruf jekk kura tas-saħħa, bħal dik fil-kawża prinċipali, tistax titqies bħala "telemediċina" meta trattament jinkludi kemm eżami fiżiku mwettaq fl-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent kif ukoll servizzi pprovduti permezz tal-ICT.

49. F'dan ir-rigward, infakkar preliminarjament li l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 jiddefinixxi "Stat Membru tat-trattament", bħala l-Istat Membru li fil-fatt tiġi pprovduta fit-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa lill-pazjent, u jispeċifika, fit-tieni sentenza tiegħu, li "[f]il-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala li hija *pprovduta fl-Istat Membru fejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa jkun stabbilit*" [17]. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-kunċett ta' "telemediċina", li huwa tip ta' "kura tas-saħħa" li jaqa' taħt din id-direttiva, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tagħha [18], iġib miegħu konsegwenzi legali ċari, jiġifieri d-determinazzjoni tal-post tal-provvista ta' servizzi u, għaldaqstant, tad-dritt applikabbli għal dan is-servizz [19].

50. Madankollu, dan il-kunċett ma huwiex iddefinit jew speċifikat mill-imsemmija direttiva.

51. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-formulazzjoin ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandha normalment tingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [20]. L-oriġini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' wkoll tipprovdi elementi rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha [21].

52. Fl-ewwel lok, ***fir-rigward tal-formulazzjoni u tal-oriġini***, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tat-termini li għalihom id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi ebda definizzjoni għandha tiġi stabbilita konformement mas-sens abitwali tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum [22]. F'dak li jirrigwarda t-termini tekniċi u ġodda, bħal dak ta' "telemediċina", huwa b'mod partikolari l-kuntest leġiżlattiv iktar wiesa' li huwa rilevanti.

16 Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

17 Enfasi miżjuda minni.

18 Dan il-kunċett għaldaqstant għandu jkun suġġett għall-istess rekwiżiti f'termini professjonali, ta' kwalità u ta' sigurtà, bħal kull kura oħra tas-saħħa (ara, f'dan is-sens, Pożizzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 14/2010 fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2010 (ĠU 2010/C 275E, p. 1), p. 23).

19 Dawn il-konsegwenzi ser ikunu analizzati fil-punti 69 u 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, LivaNova (C-713/22, EU:C:2024:642, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann (C-549/07, EU:C:2008:771, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53. F'dan ir-rigward, jidher opportun li tittieħed inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2008 dwar it-telemediċina [23], li, minkejja li ma hijiex legalment vinkolanti hija, peress li ġiet ippubblikata qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/24, partikolarment rilevanti għall-evalwazzjoni tat-tifsira tal-kelma "telemediċina" li l-Kummissjoni użat b'mod partikolari fil-proposta ta' din id-direttiva [24]. Għaldaqstant, fit-Taqsima "Definizzjoni u eżempji", it-"telemediċina" hija ddefinita bħala "l-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, *permezz tal-użu tal-ICT*, f'sitwazzjonijiet fejn il-professjonist tas-saħħa u l-pazjent (jew żewġ professjonisti tas-saħħa) *ma jkunux fl-istess post*. Hi tinvolvi t-trażmissjoni sigura ta' dejta u informazzjoni medika, permezz ta' testi, ħsejjes, immaġni jew permezz ta' forom oħra bżonnjuži għall-prevenzjoni, id-dijanjoži u s-segwitu tal-pazjenti" [25].

54. Min-naħa l-oħra, il-proposta għal direttiva kienet tipprevedi li wieħed mill-modi ta' provvista ta' "kura tas-saħħa transkonfinali" kien "[il-p]rovvediment transkonfinali ta' kura tas-saħħa (*jiġifieri: twassil ta' servizz minn territorju ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor); bħas-servizzi ta' telemediċina*, djanjosi remota u preskrizzjoni, servizzi tal-laboratorji", u li dak il-mod ta' provvista huwa differenti minn tliet modi oħra ta' provvista ta' kura tas-saħħa transkonfinali [26]. Tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "telemediċina" ma ġietx ikkontestata matul il-proċess leġiżlattiv kollu [27].

55. Minn dan isegwi li l-element determinanti tal-kunċett ta' "telemediċina", fis-sens mixtieq mil-leġiżlatur tal-Unjoni jinsab fil-fatt li l-provvista ta' servizz titwettaq mill-bogħod permezz ta' ICT, mingħajr il-preżenza fiżika simultanja tal-atturi kkonċernati, jiġifieri tal-pazjent u tal-fornitur tal-kura tas-saħħa. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata wkoll minn sorsi oħra ta' liġi mhux vinkolanti (*soft law*) posterjuri, bħad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Applikabbiltà tal-Qafas Legali eżistenti tal-Unjoni għas-Servizzi tat-Telemediċina tas-6 ta' Diċembru 2012 [28] jew saħansitra l-linji gwida tal-organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali rilevanti [29].

[23] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-telemediċina għall-benefiċċju tal-pazjenti, tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-soċjetà tal-4 ta' Novembru 2008 (KUMM(2008)689 finali).

[24] Ara l-premessa 10 tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali tat-2 ta' Lulju 2008 (KUMM(2008) 414 finali) (iktar 'il quddiem il-"Proposta għal Direttiva").

[25] Enfasi tiegħi. Din il-Komunikazzjoni tispjega li "[i]t-telemediċina tkopri varjetà wiesgħa ta' servizzi. Dawk li jissemmew ta' spiss f'valutazzjonijiet mill-pari huma t-teleradjoloġija, it-telepatoloġija, it-teledermatoloġija, it-telekonsultazzjoni, it-telemonitoraġġ, it-telekirurġija u t-teleoftalmoloġija."

[26] Ara l-premessa 10 tal-proposta għad-direttiva. It-tliet modi l-oħra huma: (i) l-użu tal-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż (jiġifieri: pazjent li jmur għand provveditur tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor għal trattament) (ii) il-preżenza permanenti ta' provveditur ta' kura tas-saħħa (jiġifieri: il-ħolqien tal-provveditur tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor), u (iii) il-preżenza temporanja ta' persuni (jiġifieri: il-mobbiltà tal-professjonisti tas-saħħa, pereżempju li jmorru temporanjament fl-Istat Membru tal-pazjent biex jipprovdu s-servizzi).

[27] Ara, b'mod partikolari, l-2980 sessjoni tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur Brussell, 30 ta' Novembru 2009 u l-1 ta' Diċembru 2009 [16611/1/09 REV 1 (Stqarrija għall-Istampa 348)], li ppreċiża li "[is-]saħħa elettronika tinkludi diversi servizzi: […] telemediċina (f'sitwazzjoni fejn *il-professjonist tas-saħħa u l-pazjent mhumiex fl-istess post*; dan jinkludi pereżempju teleradjoloġija u talepatoloġija)" (enfażi miżjuda minni).

[28] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Applikabbiltà tal-Qafas Legali eżistenti tal-Unjoni għas-Servizzi tat-Telemediċina (SWD(2012) 414 final, p. 3), disponibbli biss bl-Ingliż. F'dan id-dokument hemm ippreċiżat li l-preskrizzjonijiet elettroniċi huma espressament eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tat-telemediċina, peress li huma "att anċillari u indipendenti li jista' jingħata wkoll waqt vista wiċċ imb'wiċċ ma' tabib" (traduzzjoni libera u enfasi miżjuda minni).

[29] Ara CPME Policy on Telemedicine (CPME 2021/012 FINAL, p. 1), Il-Kumitat Permanenti tat-Tobba Ewropej, tal-20 ta' Marzu 2021, disponibbli b'mod partikolari bil-Franċiż: "*It-telemediċina hija l-provvista ta' servizzi mediċi mill-bogħod, fejn l-interventi, id-dijanjoži, id-deċiżjonijiet terapewtiċi u l-pariri dwar it-trattament li jirriżultaw huma bbażati fuq id-data tal-pazjenti, id-dokumenti u l-informazzjoni l-oħra trażmessa permezz ta' sistemi ta' telekomunikazzjonijiet.*". Ara, f'dan is-sens, ukoll, OMS, Consolidated Telemedicine implementation guide, p. 2, tad-9 ta' Novembru 2022, disponibbli biss bl-Ingliż, li jiddefinixxi t-"telemediċina" bħala "*l-għoti ta' kura tas-saħħa fejn id-distanza hija fattur essenzjali, mill-professjonisti tas-saħħa kollha li jużaw l-[ICT] biex jiskambjaw informazzjoni valida biex jiddijanjostikaw, jikkuraw u jipprevjenu mard u korrimenti, sabiex itejbu s-saħħa tal-individwi u tal-komunitajiet li jappartjenu għalihom*" (traduzzjoni libera).

56. Fit-tieni lok, din l-interpretazzjoni hija ***kkorroborata mill-kuntest*** li fih taqa' d-Direttiva 2011/24. Fil-fatt, bħala tfakkira, konformement mal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, wieħed mill-prinċipji ġenerali applikabbli għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali huwa li l-ispejjeż sostnuti minn persuna assigurata li tirċievi tali kura għandhom jiġu rrimborżati fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, jekk din il-kura tkun tagħmel parti mill-benefiċċji li l-persuna assigurata għandha dritt għalihom fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni. Madankollu, l-Artikolu 7(7) tal-imsemmija direttiva jippermetti lill-Istat Membru ta' affiljazzjoni li "jimponi fuq persuna assigurata li tkun qed tipprova tikseb rimborż tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali, *inkluż il-kura tas-saħħa meħuda permezz tal-mezzi tat-telemediċina*, l-istess kondizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi […] li timponi kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu"[30].. Fil-fatt, l-użu tal-kliem "inkluż" jimplika li l-kura tas-saħħa rċevuta permezz tat-telemediċina taqa' taħt il-"kura tas-saħħa transkonfinali", iddefiniti fl-Artikolu 3(e) tal-istess direttiva, bħala "kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' affiljazzjoni". Għaldaqstant, fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24, it-"telemediċina" timplika l-għoti ta' kura tas-saħħa fi Stat Membru differenti minn dak ta' affiljazzjoni li fih jinsab fiżikament il-pazjent, iżda mingħajr ma dan il-pazjent ikollu bżonn imur fiżikament fil-pajjiż ta' trattament sabiex jirċievi din il-kura, u dan bis-saħħa, preċiżament, tal-użu tal-ICT.

57. Fit-tielet lok, l-imsemmija interpretazzjoni tidher ukoll konformi mal-***għan imfittex*** mid-Direttiva 2011/24, li jikkonsisti, b'mod partikolari, fil-faċilitazzjoni tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja u fl-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, b'osservanza sħiħa tal-kompetenzi nazzjonali fil-oqsma tal-organizzazzjoni u tal-provvista tal-kura tas-saħħa[31]. Dak l-għan jagħmel parti mill-kuntest ta' għanijiet usa' msemmija fl-Artikolu 168 TFUE li jservi, b'mod partikolari, bħala bażi legali għal din id-direttiva, u li, minn naħa, fil-paragrafu 1 tiegħu, jistabbilixxi l-għan iktar ġenerali li jiġi żgurat "livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali […] fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni", u, min-naħa l-oħra, fil-paragrafu 7 tiegħu, ifakkar li "[l]-azzjoni ta' l-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika".

58. F'dan ir-rigward, meta tabib iwettaq trattament mediku fi Stat Membru, il-liġi applikabbli għandha tiggarantixxi li l-istandards ta' sikurezza u ta' iġjene jiġu osservati, li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa u li t-tabib ikun jaf ukoll f'liema qafas legali huwa qed jipprattika. Issa, l-applikazzjoni għall-attività professjonali ta' tabib li jipprattika fl-Istat Membru tiegħu tar-regoli ta' sikurezza, ta' iġjene u ta' responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor għas-sempliċi raġuni li t-trattament kollu kemm hu jipprevedi wkoll servizzi ta' telemediċina pprovduti minn fornituri oħra ta' kura fi Stati Membri oħra, tippreġudika l-kompetenza tal-Istat Membru ta' trattament fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa tiegħu u tesponi lit-tobba kif ukoll lill-pazjenti tagħhom għal inċertezza legali mhux iġġustifikata. Fil-fatt, kieku dak kien il-każ, Stat Membru ma jistax iktar jeżiġi mit-tobba tiegħu li jipprovdu kura tas-saħħa fit-territorju tiegħu li josservaw ir-regoli ta' sikurezza u ta' iġjene fis-seħħ f'dan l-Istat Membru. Minflok, l-Istat Membru tat-trattament għandu jimponi fuq it-tobba tiegħu regoli dwar is-sikurezza, l-iġjene u r-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor.

[30] Enfasi miżjuda minni.

[31] Ara l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2011/24.

59. Barra minn hekk, fil-każijiet fejn huwa biss l-element tat-telemediċina li jitwettaq f'kuntest transkonfinali, "evalwazzjoni globali" twassal sabiex provvista purament interna tiġi kklassifikata mill-ġdid b'mod artifiċjali f'servizz transkonfinali. Fil-fatt, jekk wieħed iqis li eżami fiżiku jew trattament huwa parti integrali minn servizz ta' telemediċina għas-sempliċi raġuni li kien is-suġġett ta' kuntratt ta' kura uniku b'servizzi pprovduti *de facto* permezz tat-telemediċina, dan iwassal fil-fatt għal evitar tar-regola stabbilita fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, li tipprovdi li "Stat Membru tat-trattament" ifisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa hija "fil-fatt" ipprovduta lill-pazjent.

60. Fl-aħħar nett, interpretazzjoni differenti tista' tiffavorixxi l-abbużi fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali. Fil-każ ta' servizzi tas-saħħa ta' natura kumplessa, dan jista' jwassal għall-konklużjoni ta' kuntratti ma' entitajiet stabbiliti fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-pazjent, għat-twettiq biss, pereżempju, ta' eżamijiet preliminari permezz tat-telemediċina, u, filwaqt li l-parti essenzjali tas-servizzi mediċi li huma s-suġġett ta' tali kuntratt titwettaq fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-pazjent, is-servizzi kollha li huma s-suġġett ta' tali kuntratt xorta jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħala provvista transkonfinali ta' kura tas-saħħa li tagħti lok għar-rimborż tal-ispejjeż previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/24.

61. Għaldaqstant, sa fejn it-"telemediċina" tikkonċerna biss servizzi pprovduti mill-bogħod permezz tal-ICT, mingħajr il-preżenza fiżika simultanja tal-atturi, is-servizzi pprovduti fiżikament, fil-preżenza simultanja tat-tabib u tal-pazjent, ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "telemediċina", anki jekk huma pprovduti fil-kuntest ta' trattament iktar globali, li tinkludi kemm servizzi tat-telemediċina kif ukoll servizzi wiċċ imb'wiċċ.

62. Fil-każ quddiemna, isegwi minn dak li għadu kif intqal li s-servizzi pprovduti wiċċ imb'wiċċ minn UJ fil-klinika tagħha stess, jiġifieri t-teħid tal-istorja medika, l-intervista ta' informazzjoni, l-iskennjar 3D tax-xedaq u t-trattamenti preliminari meħtieġa għat-terapija bi brace, ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt is-servizzi ta' "telemediċina" fis-sens tal-Artikolu 3(d), tad-Direttiva 2011/24, u dan indipendentement, minn naħa, mir-rapporti li għandhom il-partijiet u b'mod partikolari mill-fatt li l-pazjenti jkunu kuntrattwalment marbuta biss mal-fornitur ta' servizzi tat-telemediċina jew li UJ taġixxi bħala "awżiljarju eżekuttiv" ta' DZK, jew, min-naħa l-oħra, mill-fatt li huma jagħmlu parti minn "kura tas-saħħa unika". Min-naħa l-oħra, is-servizzi pprovduti mill-bogħod minn DZK — jiġifieri, is-servizzi kollha li jitwettqu minn DZK wara l-validazzjoni tal-pjan ta' trattament [32], jistgħu, min-naħa tagħhom, ikunu koperti mill-kunċett ta' "telemediċina", fis-sens tad-Direttiva 2011/24, sakemm dawn jistgħu, minn perspettiva prattika, ikunu separabbli u ma jeħtiġux l-intervent ulterjuri tat-tabib dentist.

63. Għalkemm hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha twettaq l-evalwazzjoni tan-natura "separabbli" tal-provvisti mwettqa minn DZK, inqis li l-elementi li ġejjin jistgħu jkunu utli għaliha f'dan ir-rigward.

64. Minn naħa, infakkar li l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2011/24 jiddefinixxi l-kunċett ta' "kura tas-saħħa" bħala "servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi *l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi*" [33]. Is-sempliċi provvista ta' apparat mediku b'mod diġitali — bħal fil-każ ta' brace dentali kif ukoll il-monitoraġġ tat-trattament permezz ta' applikazzjoni diġitali — jistgħu għalhekk jikkostitwixxu tali "kura tas-saħħa". F'dan ir-rigward,

[32] Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[33] Enfasi miżjuda minni.

nosserva li, skont il-premessa 26 tad-Direttiva 2011/24, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi l-libertà għall-benefiċjarji tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari l-persuni li għandhom bżonn jirċievu trattament mediku, mhux biss li jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex jibbenefikaw minn din il-kura, iżda wkoll li "jirċievu kura tas-saħħa pprovduta fi Stat Membru ieħor permezz ta' mezzi oħrajn, pereżempju permezz tas-servizzi tas-saħħa elettronika".

65. Min-naħa l-oħra, meta s-servizzi tat-telemediċina jidhru bħala anċillari u inseparabbli mill-provvista tas-servizzi fiżika[34], sa fejn dawn jistgħu jaffettwaw il-kwalità tagħha, jew meta s-servizzi tat-telemediċina jinvolvu wkoll l-intervent ta' tabib fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-pazjent[35], inqis li dawn is-servizzi ta' telemediċina ma jistgħux jiġu sseparati mill-provvista tas-servizzi fiżika. Fil-fatt, ninnota li, skont l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, l-Istat Membru ta' trattament huwa l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa hija "*fil-fatt* ipprovduta". Għalhekk, meta ċerti servizzi ta' kura tas-saħħa jiġu pprovduti bl-għajnuna ta' teknoloġiji li jagħmlu parti integrali minn din il-kura tas-saħħa, huma jġarrbu l-istess trattament legali bħall-kura tas-saħħa fiżika l-oħra. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, dan ma jkunx każ ta' "telemediċina", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 3(d) tal-imsemmija direttiva, għaliex il-kura tas-saħħa tkun "effettivament ipprovduta" fl-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent u, konsegwentement, tali kura ma tikkostitwixxix "kura tas-saħħa transkonfinali", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tal-istess direttiva.

66. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li r-risposta għad-domandi preliminari 2.1 sa 2.3 tkun li l-kunċett ta' "kura tas-saħħa pprovduta fil-każ ta' telemediċina", msemmi fl-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss is-servizzi mediċi li jitwettqu esklużivament permezz ta' ICT, u li s-servizzi pprovduti fiżikament, fil-preżenza simultanja tat-tabib u tal-pazjent, ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "telemediċina" fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, anki jekk huma pprovduti fil-kuntest ta' kuntratt ta' kura unika li jinkludi kemm servizzi ta' telemediċina kif ukoll servizzi fiżiċi wiċċ imb'wiċċ, indipendentement mill-grad ta' prevalenza ta' kull wieħed minn dawn is-servizzi.

2. Dwar is-sistema legali applikabbli għas-servizzi ta' "telemediċina" skont id-Direttiva 2011/24 (domandi 1.1 u 1.2)

67. Permezz tad-domandi 1.1 u 1.2 tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar jekk, minn naħa, l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 għandux kamp ta' applikazzjoni limitat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, fis-sens tal-Artikolu 7 tagħha, u, min-naħa l-oħra, jekk dik id-direttiva tistabbilixxix regola ġenerali li s-servizzi tat-telemediċina għandhom jingħataw konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa.

68. Infakkar li dawn id-domandi huma intiżi prinċipalment sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn is-servizzi tat-telemediċina huma "pprovduti" u, b'mod partikolari, jekk l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, li jipprovdi li, fil-każ tat-telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala mogħtija fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, huwiex intiż li japplika biss għall-finijiet tar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, jew jekk jistabbilixxix, bil-kontra, għas-servizzi tat-telemediċina, prinċipju ġenerali tal-pajjiż ta' oriġini.

[34] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, A (Reklamar u bejgħ ta' prodotti mediċinali online) (C-649/18, EU:C:2020:764, punt 55).

[35] Nixtieq nenfasizza li uħud mill-applikazzjonijiet tat-telemediċina jistgħu wkoll jeżiġu l-intervent ta' tabib ieħor fl-Istat Membru fejn it-trattament effettivament jingħata lill-pazjent, pereżempju, fil-qasam tat-teleradjoloġija jew tat-telekirurġija.

Fid-dawl tar-risposta li nissuġġerixxi li tingħata għad-domandi 2.1 sa 2.3, nixtieq nosserva li din id-domanda hija, fir-realtà, rilevanti biss sa fejn il-qorti tar-rinviju tqis li s-servizzi diġitali pprovduti minn DZK huma separabbli mis-servizzi fiżiċi mwettqa minn UJ.

69. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24, u dwar jekk dan huwiex limitat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, inqis, għar-raġunijiet li ser nesponi fil-punti li ġejjin ta' dawn il-konklużjonijiet, li għandha tingħata risposta fin-negattiv, fil-fatt, kemm il-premessi 8 u 10 kif ukoll l-istruttura ta' din id-direttiva, flimkien mal-kontenut tal-kapitoli l-oħra minbarra l-Kapitolu III tagħha, l-uniku wieħed iddedikat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, jimmilitaw favur ir-rikonoxximent ta' kamp ta' applikazzjoni kkonċepit b'mod usa'.

70. F'dan ir-rigward, ninnota li ma huwiex biss għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/24, intitolat "Rimborż ta' spejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali", li d-determinazzjoni ta' "Stat Membru tat-trattament" fis-sens tal-Artikolu 3(d) ta' din id--direttiva hija importanti. Fil-fatt, lil hinn mill-kwistjonijiet relatati mar-rimborż, id-determinazzjoni tal-"Istat Membru tat-trattament" tippermetti lill-pazjent jibbenefika minn kura tas-saħħa transkonfinali (jew mit-telemediċina), li jkun jaf minn qabel il-leġiżlazzjoni li ser tiġi applikata lilu. Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 19 tad-Direttiva 2011/24, "[i]r-regoli applikabbli għall-kura tas-saħħa transkonfinali għandhom ikunu dawk imniżżla fil-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament, peress li, skont l-Artikolu 168(7) TFUE, l-organizzazzjoni u t-twassil ta' servizzi tas-saħħa u kura medika huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri". Fil-kuntest tal-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kura tas-saħħa transkonfinali", l-Artikolu 4 tagħha, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istat Membru tat-trattament", jindika, fil-paragrafu 1 tiegħu, minn naħa, li l-kura tas-saħħa transkonfinali għandha tiġi pprovduta b'mod partikolari skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament u skont l-istandards u l-linji gwida dwar il-kwalità u sikurezza stabbiliti minn dak l-Istat Membru, u jimponi, min-naħa l-oħra, sensiela ta' obbligi [36] u ta' responsabbiltajiet [37].

71. Minn dan isegwi li l-Artikolu 4(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2011/24, moqri flimkien mal-Artikolu 3(d) tagħha, jistabbilixxi regola ġenerali li s-servizzi tat-telemediċina għandhom jiġu pprovduti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa.

72. F'dan ir-rigward, infakkar li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2011/24 tipprovdi li din għandha l-għan ġenerali li tipprevedi regoli intiżi li jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja u li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, b'osservanza sħiħa tal-kompetenzi nazzjonali fl-oqsma tal-organizzazzjoni u tal-għoti ta' kura tas-saħħa [38]. Għalhekk, dan l-għan ġenerali, li jikkonsisti f' li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura tas-saħħa transkonfinali filwaqt li jiġu ppreżervati l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa, huwa mfittex mhux biss mir-regoli ta' rimborż tal-ispejjeż tal-Kapitolu III ta' din id-direttiva, iżda huwa segwit ukoll mir-regoli dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru ta' trattament u tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, li jinsabu fil-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva. Dan il-Kapitolu II mhux biss huwa importanti peress li jipprovdi ċertezza legali lit-tobba, lill-pazjenti u lill-korpi pubbliċi dwar ir-regoli applikabbli (u l-obbligi ta' informazzjoni li jirriżultaw), iżda għandu qabelxejn funzjoni fundamentali fi ħdan l-istess direttiva, mill-perspettiva tal-mobbiltà offruta lill-pazjenti, billi jippermetti li jiġi

[36] Ara l-Artikolu 4(2) sa (4) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/24.

[37] Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/24.

[38] Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-premessi 2, 4, 10 u 26 tad-Direttiva 2011/24.

ddeterminat b'mod ċar liema Stat Membru huwa kompetenti sabiex jirregola sitwazzjoni partikolari. Fil-fatt, l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2011/24 jiżguraw li, kif jeżiġi l-Artikolu 168(7) TFUE, il-kompetenza ta' kull Stat Membru fil-qasam tal-politika tas-saħħa tiġi osservata [39].

73. Din il-funzjoni fundamentali għall-mobbiltà tal-pazjenti hija intiża wkoll sabiex tapplika għat-telemediċina, sa fejn, minn qari flimkien tal-Artikolu 3(d) u tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, is-servizzi tat-telemediċina huma rregolati mill-Istat Membru li fih il-fornitur tal-kura tas-saħħa huwa stabbilit f'dak li jirrigwarda l-provvista tas-servizzi stess. B'mod konkret, dan ifisser li, bħal tabib li jikkura pazjenti li ġejjin minn Stat Membru ieħor fi ħdan il-klinika tiegħu, tabib li jagħti pariri lill-pazjenti minn Stati Membri oħra permezz ta' telefonata bil-vidjo għandu għalhekk jikseb biss awtorizzazzjoni fl-Istat Membru tiegħu stess u josserva r-regoli previsti f'dan l-Istat Membru. Leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, fejn jirrisjedi l-pazjent, li tissuġġetta l-provvisti ta' servizzi tat-telemediċina pprovduti minn fornituri ta' kura tas-saħħa ta' Stati Membri oħra għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu hija b'hekk ukoll mhux konformi mal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, bħal ma hija leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi l-istess fil-konfront ta' pazjenti li fiżikament jirċievu kura transkonfinali.

74. Madankollu, nixtieq nippreċiża li l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/24, li jipprovdu li s-servizzi tat-telemediċina huma rregolati mill-Istat Membru fejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa huwa stabbilit ma għandhomx kontenut normattiv barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu applikati wkoll ir-regoli rilevanti l-oħra tad-dritt tal-Unjoni, inkluża b'mod partikolari d-Direttiva 2000/31.

75. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li r-risposta għad-domandi preliminari 1.1 u 1.2 għandha tkun li l-kontenut normattiv tad-Direttiva 2011/24 ma huwiex limitat għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, li jinsabu fil-Kapitolu III tagħha, iżda jinkludi wkoll regoli dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru ta' trattament u tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, li huma previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva, b'tali mod li, fir-rigward tal-"kura tas-saħħa" li taqa' taħt it-"telemediċina", fis-sens tal-Artikolu 3(d) tal-imsemmija direttiva, il-klassifikazzjoni ta' "Stat Membru tat-trattament" fir-rigward ta' dan it-tip ta' kura tas-saħħa għandha importanza li ma hijiex limitata għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, b'mod partikolari skont l-Artikolu 7(7) tal-istess direttiva, iżda li testendi wkoll għal-leġiżlazzjoni, l-istandards u l-linji gwida fil-qasam tal-kwalità u tas-sikurezza applikabbli għal din it-tip ta' kura tas-saħħa, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/24.

3. Fuq is-sistema legali applikabbli għas-servizzi ta' "telemediċina" skont id-Direttiva 2000/31 (domanda 1.3)

76. Permezz tad-domanda 1.3 tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2000/31 tistabbilixxix, bħad-Direttiva 2011/24, regola li tipprovdi li s-servizzi tat-telemediċina għandhom jingħataw skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa.

[39] Jiġifieri, il-kompetenza tal-Istat Membru ta' trattament tikkonċerna r-regoli ta' provvista ta' kura fit-territorju tiegħu u dik tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni tikkonċerna r-regoli ta' rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa għall-membri affiljati mas-sistema tas-saħħa tiegħu.

77. Fl-ewwel lok, nirrileva li d-Direttiva 2000/31, minkejja li ġiet adottata qabel id-Direttiva 2011/24, tista' xorta tiġi applikata magħha b'mod kumulattiv. Fil-fatt, din l-aħħar direttiva tipprevedi fl-Artikolu 2(e) tagħha li hija tapplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31 [40].

78. Fit-tieni lok, għandu jiġi vverifikat jekk is-servizzi ta' "telemediċina" jistgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31. Fil-fehma tiegħi, dan jidher li huwa tabilħaqq il-każ. Fil-fatt, l-Artikolu 2(a) ta' din id-direttiva, filwaqt li jirreferi għal atti leġiżlattivi oħra [41], jiddefinixxi s-"servizz tas-Soċjetà tal-Informatika" bħala "kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, *mill-bogħod*, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi" b'din l-istess definizzjoni tippreċiża li, "[g]ħall-għanijiet ta' din id-definizzjoni: '*mill-bogħod*' *tfisser illi servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament*" [42]. Magħdud ma' dan, il-premessa 18 ta' din id-direttiva tindika li "attivitajiet li *min-natura propja tagħhom* ma jistgħux jiġu mwettqa mill-bogħod b'mezzi elettroniċi, bħal ma huwa […] *parir mediku li jinħtieġ eżami fiżiku ta' pazjent* mhumiex servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni" [43]. Minn dan isegwi li, sakemm is-servizzi tat-telemediċina jingħataw bi ħlas, *mill-bogħod*, b'mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' pazjent, dawn jistgħu jaqgħu taħt "servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni". Madankollu, bħal fil-każ tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "telemediċina" li tirriżulta mid-Direttiva 2011/24, kull servizz li jimplika eżami fiżiku tal-pazjent ma jaqax, min-natura tiegħu stess, taħt tali servizzi. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, hi u tibbaża ruħha fuq il-premessa 18, iddeċidiet li l-attivitajiet li, min-natura tagħhom, ma jistgħux jitwettqu mill-bogħod jew elettronikament, bħall-konsultazzjoni medika li teħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, ma humiex servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni u, għaldaqstant, ma jaqgħux taħt din id-direttiva u li fil-każ fejn il-konsultazzjoni medika tirrikjedi eżami fiżiku tal-klijent tkun tifforma parti integrali mill-bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt, li jaqa' bħala prinċipju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31, ir-rekwiżit ta' tali konsultazzjoni jista' jkollu l-konsegwenza illi dan il-bejgħ, ma jaqax, b'mod definittiv, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva [44]. Barra minn hekk, il-fatt li t-telemediċina ma tinsabx fost l-oqsma msemmija fl-Anness tal-imsemmija direttiva, li għalihom il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini ma japplikax, skont kif previst fl-Artikolu 3(3) tagħha, isostni iktar il-konstatazzjoni li l-kura mogħtija mill-bogħod permezz tat-telemediċina tikkostitwixxi servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni [45].

79. Fit-tielet lok, wara li ġiet kkonfermata l-applikabbiltà tad-Direttiva 2000/31 għas-servizzi tat-telemediċina, tqum issa l-kwistjoni dwar jekk din id-direttiva tistabbilixxix regola ġenerali li abbażi tagħha tali servizzi għandhom jingħataw skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fi ħdanu l-fornitur tal-kura tas-saħħa huwa stabbilit, fil-każ preżenti l-Ġermanja.

80. Qabelxejn, ninnota li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/31, dik id-direttiva "tfittex li tikkontribwixxi għal funzjonament sewwa tas-suq intern billi tassigura l-moviment liberu bejn l-Istati Membri ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni". Għal dan l-għan, skont l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn fornitur stabbilit fit-territorju tiegħu josservaw

[40] Ara wkoll, il-Kapitolu 3(d) tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta li minnha rriżultat id-Direttiva 2011/24 (KUMMCOM(2008) 414 finali, p. 6).

[41] Ara l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/KE, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE.

[42] Enfasi miżjuda minni.

[43] Enfasi miżjuda minni.

[44] Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punti 33 u 34).

[45] Dan huwa kkonfermat mill-premessa 57 tad-Direttiva 2011/24, li tgħid li l-interoperabbiltà tas-servizzi tas-saħħa elettronika (e-Health) għandha tintlaħaq filwaqt li jiġu osservati l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-provvista tas-servizzi tas-saħħa adottati sabiex jipproteġu lill-pazjent, sa fejn dawn huma kompatibbli mad-Direttiva 2000/31.

id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli f'dan l-Istat Membru li jaqgħu taħt il-"qasam ikkordinat". L-Artikolu 2(h) tal-istess direttiva jiddefinixxi dan il-qasam bħala li jkopri l-ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri u applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà tal-informazzjoni jew għas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, independentement minn jekk dawn ikunux ta' natura ġenerali jew iddisinjati speċifikament għalihom [46]. Minn dan jirriżulta li, f'dan il-każ, is-servizzi diġitali pprovduti minn DZK huma għalhekk irregolati mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża, peress li l-Ġermanja hija l-Istat Membru ikkonċernat mill-"qasam ikkordinat". Fil-fatt, huwa paċifiku li DZK għandha l-awtorizzazzjonijiet kollha neċessarji sabiex topera ċentru ta' kura fil-qasam tal-mediċina dentali fil-Ġermanja.

81. Fir-raba' u l-aħħar lok, għalkemm dan ma huwiex espressament imsemmi fid-domanda 1.3, nosserva li, skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31, "[l]-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jidħlu fil-qasam ikkordinat, jillimitaw il-libertà li jkunu provduti servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni minn Stat Membru ieħor". Fil-fatt, dik id-direttiva hija bbażata fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini u ta' rikonoxximent reċiproku, b'tali mod li, fil-kuntest tal-qasam ikkordinat iddefinit fl-Artikolu 2(h) tal-imsemmija direttiva, is-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni huma rregolati biss fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma stabbiliti l-forniturі ta' dawn is-servizzi [47]. Konsegwentement, minn naħa, kull Stat Membru bħala Stat Membru tal-oriġini tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni għandu jirregola dawn is-servizzi u, għalhekk, għandu jipproteġi l-għanijiet ta' interess ġenerali msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 3(4)(a) tal-istess direttiva. Min-naħa l-oħra, skont il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru, bħala Stat Membru ta' destinazzjoni ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li ma jirrestriġix il-moviment liberu ta' dawn is-servizzi billi jeżiġi l-osservanza ta' obbligi addizzjonali li jikkonċernaw il-qasam ikkordinat, kemm-il darba jkun adottahom.

82. Għaldaqstant, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31 jipprekludi, bla ħsara għad-derogi awtorizzati skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 4 ta' dak l-artikolu, li l-fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jixtieq jipprovdi dan is-servizz fi Stat Membru differenti minn dak li fit-territorju tiegħu huwa stabbilit ikun suġġett għal rekwiżiti li jaqgħu fil-qasam ikkordinat imposti minn dan l-Istat Membru l-ieħor.

83. F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-miżuri Awstrijaċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jippermettux lil DZK topera legalment fl-Awstrija, sa fejn dawn jeżiġu, taħt piena ta' sanzjoni, l-osservanza tal-obbligi msemmija fil-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

84. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk miżuri nazzjonali bħal dawk imsemmija fil-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet jissodisfawx il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/31.

85. F'dan ir-rigward, minn naħa, skont l-Artikolu 3(4)(a) ta' dik id-direttiva, il-miżura kkonċernata għandha tkun neċessarja sabiex tiggarantixxi l-ordni pubbliku, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew il-protezzjoni tal-konsumaturi, għandha tittieħed kontra servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li effettivament jippreġudika dawn l-għanijiet jew li jikkostitwixxi riskju serju u gravi ta' preġudizzju għal dawn tal-aħħar, u, fl-aħħar nett, għandha

[46] Dan il-qasam jirrigwarda r-rekwiżiti li l-fornitur għandu jissodisfa u li jikkonċernaw l-aċċess għall-attività ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni, bħalma huma r-rekwiżiti fil-qasam ta' kwalifika, ta' awtorizzazzjoni jew ta' komunikazzjoni kif ukoll l-eżerċizzju tal-attività ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni, bħalma huma r-rekwiżiti li jirrigwardaw l-imġiba tal-fornitur, il-kwalità jew il-kontenut tas-servizz. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2024, Google Ireland u Eg Vacation Rentals Ireland (C-664/22 u C-666/22, iktar 'il quddiem is-"sentenza Google Ireland", EU:C:2024:434, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[47] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Google Ireland (punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tkun proporzjonata għall-imsemmija għanijiet. Għaldaqstant, huma biss il-miżuri "[meħuda] fir-rigward ta' servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni" li jistgħu jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li *miżuri ġenerali u astratti* li jirrigwardaw kategorija ta' servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali u li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' din il-kategorija ta' servizzi ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "miżuri [meħuda] fir-rigward ta' servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni", fis-sens tal-istess dispożizzjoni [48]. Barra minn hekk, nirrileva li l-Artikolu 3(4)(a) tal-imsemmija direttiva, bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini, għandu jiġi interpretat b'mod strett. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi applikata għal miżuri li, l-iktar l-iktar, huma kapaċi jippreżentaw biss rabta indiretta ma' wieħed mill-għanijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni [49].

86. F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk il-kundizzjoni li teżiġi li l-fornitur ta' servizzi ta' mediċina dentali jipprovdi dawn is-servizzi direttament u personalment taffettwax lill-fornitur Ġermaniż DZK u jekk din il-kundizzjoni għandhiex tkun iġġustifikata. Jidhirli, f'dan il-każ, li l-miżuri Awstrijaċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom portata ġenerali u astratta, b'tali mod li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "miżuri [meħuda] fir-rigward servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(4)(a) tal-istess direttiva.

87. Min-naħa l-oħra, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva 2000/31, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minn qabel lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-fornitur ta' servizzi kkonċernat huwa stabbilit bl-intenzjoni tiegħu li jieħu tali miżuri restrittivi. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk tali notifika effettivament seħħietx.

88. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li r-risposta għad-domanda preliminari 1.3 tkun li s-servizzi ta' telemediċina jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni" u għalhekk jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31, li jimplika, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 3(1) u (2) tagħha, minn naħa, li huwa kull Stat Membru bħala Stat Membru ta' oriġini tas-servizzi mis-soċjetà tal-informazzjoni li għandu jirregola dawn is-servizzi u, għalhekk, li għandu jipproteġi l-għanijiet ta' interess ġenerali msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 3(4)(a) ta' din id-direttiva, u, min-naħa l-oħra, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru, bħala Stat Membru ta' destinazzjoni tas-servizzi mis-soċjetà tal-informazzjoni, li ma jirrestriġix il-moviment liberu ta' dawn is-servizzi billi jeżiġi l-osservanza ta' obbligi addizzjonali, li jaqgħu fil-qasam ikkordinat, li dan tal-aħħar ikun adotta.

4. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36 għas-servizzi ta' "telemediċina" (domandi 3.1 u 3.2)

89. Permezz tad-domandi 3.1 u 3.2 tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, minn naħa, jekk l-Artikolu 2(n), l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/24, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36, jobbligawx fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru, meta huwa "jipprovdi" "kura tas-saħħa" permezz ta' "telemediċina" fi Stat Membru ieħor, josserva r-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva fis-seħħ f'dan it-tieni Stat Membru, u, min-naħa l-oħra, jekk tali fornitur ta' kura tas-saħħa "jibdilx il-pajjiż" lejn Stat Membru ieħor, fis-sens ta' dan l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36,

[48] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Google Ireland (punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[49] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Google Ireland (punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

meta huwa sempliċement jipprovdi servizzi mediċi bl-għajnuna tal-ICT jew meta dan il-fornitur iġiegħel it-twettiq ta' eżamijiet fiżiċi jew trattamenti fl-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent minn awżiljarji eżekuttivi.

90. Permezz ta' dawn iż-żewġ domandi, li nippproponi jiġu ttrattati flimkien, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36 japplikax għas-servizzi ta' "telemediċina" pprovduti minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru ieħor, fis-sens tad-Direttiva 2011/24.

91. Għalkemm, skont l-Artikolu 2(n) tagħha, din l-aħħar direttiva tapplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36, inqis li din id-domanda għandha tingħata risposta negattiva.

92. Fil-fatt, fl-ewwel lok, infakkar li, skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36, fornitur ta' servizz li jiċċaqlaq mill-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu — jiġifieri, l-Istat Membru li fih huwa legalment stabbilit sabiex jeżerċita professjoni — fi Stat Membru ieħor — jiġifieri l-Istat Membru ospitanti[50]— huwa suġġett, f'dan tal-aħħar, għar-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva relatati direttament mal-kwalifiki professjonali, kif ukoll għad-dispożizzjonijiet dixxiplinari applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għall-professjonisti li jeżerċitaw l-istess professjoni hemmhekk[51]. Skont l-Artikolu 5(2) ta' din id-direttiva, din l-ewwel dispożizzjoni tapplika biss fil-każ fejn il-fornitur tas-servizz imur fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti sabiex jeżerċita, b'mod temporanju u okkażjonali, il-professjoni tiegħu.

93. Madankollu, fil-kuntest ta' provvista transkonfinali ta' telemediċina, kif jirriżulta mill-analiżi mwettqa fil-punti preċedenti ta' dan il-konklużjonijiet, il-fornitur tas-servizzi ma jiċċaqlaqx lejn Stat Membru ieħor, iżda jipprovdi s-servizz mill-Istat Membru tiegħu stess. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex ikun hemm 'ċaqliq' fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, qsim fiżiku ta' fruntiera huwa indispensabbli[52]. Fil-fatt, fis-sentenza X-Steuerberatungsgesellschaft, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li provvista ta' servizz li tagħmel parti mill-eżerċizzju ta' professjoni rregolata fl-Istat Membru ospitanti u li titwettaq mingħajr qsim fiżiku ta' fruntiera mill-persuni li jaġixxu f'isem kumpannija ma taqax taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-servizzi ta' X, kumpannija li kienet tipprovdi, mill-Pajjiżi l-Baxxi, assistenza professjonali fil-qasam fiskali għal klijenti li jinsabu fil-Ġermanja u mingħajr ma l-persuni li jaġixxu f'isem din il-kumpannija jmorru fit-territorju Ġermaniż, ma kinux jissodisfaw il-kundizzjoni ta' 'ċaqliq' prevista fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-direttiva sa fejn il-provvista ta' servizz ma kinitx tinvolvi "qsim fiżiku" tal-fruntiera mill-fornitur ta' servizzi jew minn persuni li jaġixxu f'ismu lejn it-territorju tal-Istat Membru ospitanti, jiġifieri l-Ġermanja[53].

[50] Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/36, l-"Istat Membru ospitanti" huwa l-Istat Membru li jissuġġetta l-aċċess għal professjoni rregolata jew l-eżerċizzju tagħha fit-territorju tiegħu, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi u li fih persuna li tkun kisbet fi Stat Membru ieħor il-kwalifiki professjonali meħtieġa tkun tixtieq teżerċita din il-professjoni rregolata.

[51] Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Konstantinides (C-475/11, EU:C:2013:542, punti 39 u 40). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "huma koperti mill-Artikolu 5(3) ta[d-Direttiva 2005/36] biss ir-regoli ta' kondotta professjonali li huma konnessi direttament mal-eżerċizzju stess tal-arti medika u li nuqqas ta' osservanza tagħha tippreġudika l-protezzjoni tal-pazjent. […]. [L]a r-regoli ta' kalkolu tal-onorarji u lanqas ir-regoli li jipprojbixxu lit-tobba kull reklamar li jmur kontra l-etika professjonali […] ma jikkostitwixxu regoli ta' kondotta li għandhom rabta diretta u speċifika mal-kwalifiki professjonali li jirrigwardaw l-aċċess għall-professjoni rregolata kkonċernata […]".

[52] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Airbnb Ireland (C-390/18, EU:C:2019:336, punti 102 u 103 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[53] Ara s-sentenza X-Steuerberatungsgesellschaft (punti 24, 34, 35 u 55).

94. Għaldaqstant, inqis li s-servizzi ta' "telemediċina" ma jistgħux jaqgħu taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36. F'dan il-każ, din il-konklużjoni tfisser, b'mod konkret, li d-dispożizzjonijiet rilevanti taz-ZÄG[54] ma jistgħux għalhekk jiġu invokati kontra klinika dentali stabbilita fil-Ġermanja li tipprovdi kura tas-saħħa transkonfinali fl-Awstrija permezz tat-telemediċina. Kif jirriżulta mill-analiżi żviluppata iktar 'il fuq, id-dritt applikabbli għall-provvista ta' servizzi huwa ddeterminat biss mill-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tagħha, jiġifieri d-dritt tal-Istat fejn il-fornitur huwa stabbilit.

95. Fit-tieni lok, inqis li l-imsemmija konklużjoni ma tistax tiġi invalidata mill-argument imressaq mill-ÖZ, mir-Repubblika tal-Awstrija u mill-Pajjiżi l-Baxxi, li skontu, essenzjalment, għandu jitqies li s-servizzi mwettqa b'mod elettroniku jissodisfaw ukoll il-kundizzjoni ta' 'ċaqliq' minħabba, speċjalment, li l-protezzjoni tal-pazjenti għandha tiffavorixxi approċċ iktar flessibbli. Fil-fatt, l-ewwel nett, irrid nenfasizza li tali interpretazzjoni teleoloġika tmur kontra s-sens tal-kelma "imur", li timplika ċaqliq "fiżiku" (u mhux "virtwali") tal-"fornitur tas-servizz" (u mhux tal-"provvista ta' servizz"). Fil-fatt, din l-istess tifsira ċara u inekwivoka tirriżulta mid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 5(2) u (3), kif ukoll mill-premessa 5 tad-Direttiva 2005/36[55]. It-tieni nett, kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tal-pazjenti u tal-konsumaturi ma humiex biżżejjed sabiex jiġġustifikaw, fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni daqshekk wiesgħa li tkun kważi *contra legem*. Infakkar li, fil-kawża X-Steuerberatungsgesellschaft, il-qorti tar-rinviju kienet enfasizzat ir-riskji li setgħu jkunu esposti għalihom il-persuni taxxabbli meta jingħataw parir minn persuni li ma jkollhomx il-kwalifiki professjonali jew personali meħtieġa għal dak l-għan[56]. Madankollu, dan ma pprekludiex lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tinterpreta l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36 skont il-formulazzjoni tiegħu u milli teżiġi qsim fiżiku tal-fruntiera għall-applikazzjoni tiegħu. It-tielet nett, anki f'dan ir-rigward, nikkonstata, minn naħa, li l-istandards u l-prattiki mediċi jvarjaw ħafna inqas bejn l-Istati Membri mir-regoli li jirriżultaw mid-dritt fiskali nazzjonali, li spiss ikunu kemm kumplessi kif ukoll suġġetti għal emendi kostanti. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-professjoni ta' tabib dentist, b'differenza minn dik ta' konsulent fiskali, hija fil-parti l-kbira armonizzata, għaliex l-Artikoli 34 *et seq* tad-Direttiva 2005/36 jistabbilixxu rekwiżiti minimi kemm fil-qasam ta' taħriġ dentali bażiku kif ukoll f'dak ta' taħriġ bħala prattikant speċjalizzat tad-dentistrija. Dawn l-artikoli jipprekludu persuna li ma jkollhiex dokument ta' prova ta' kwalifiki formali maħruġ wara taħriġ bażiku bħala prattikant tad-dentistrija milli teżerċita din il-professjoni[57]. Minn dan jirriżulta li t-tobba dentisti stabbiliti fi Stati Membri oħra għandhom jingħataw il-garanziji kollha ekwivalenti għal dawk mogħtija lid-dentisti stabbiliti fit-territorju nazzjonali għall-finijiet tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi[58].

96. Fit-tielet u l-aħħar lok, il-konklużjoni li nissuġġerixxi fil-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet lanqas ma tista' tiġi kkontestata fil-każ li l-qorti tar-rinviju kellha tirrileva li DZK kienet ukoll il-fornitur ta' kura tas-saħħa fiżika. Issa, jidhirli li huwa kemxejn artifiċjali li jitqies li kura tas-saħħa fiżikament ipprovduta mill-ewwel professjonist tas-saħħa fl-istess Stat Membru li fih huwa stabbilit, f'dan il-każ UJ, hija fir-realtà pprovduta mit-tieni professjonist stabbilit fi Stat Membru ieħor, f'dan il-każ DZK, unikament minħabba r-relazzjonijiet kuntrattwali li għandhom dawn iż-żewġ professjonisti tas-saħħa u li jiġi konkluż, għaldaqstant, li huwa t-tieni professjonist

[54] Ara l-Artikoli 24, 26 u 31 taz-ZÄG.

[55] Pereżempju, għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, il-verżjoni bil-Ġermaniż ("*sich begeben*"), bil-Grieg ("μετακίνηση"), bl-Ispanjol ("desplazamiento"), bit-Taljan ("spostamento"), bl-Olandiż ("begeeft"), bil-Portugiż ("deslocação"), bir-Rumen ("deplasează") u bl-Ingliż ("move"),

[56] Ara s-sentenza X-Steuerberatungsgesellschaft (punt 30).

[57] Ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Conseil national de l'ordre des médecins (C-492/12, EU:C:2013:576, punt 41).

[58] Ara s-sentenza Kohll (punt 48).

tas-saħħa li ċċaqlaq sabiex jagħti fiżikament din il-kura. Fil-fatt, jekk wieħed jissuġġetta l-applikabbiltà tar-regoli professjonali tal-Istat Membru ospitanti għall-klassifikazzjoni tal-persuna li tipprovdi kura tas-saħħa hemmhekk bħala "awżiljarju eżekuttiv", dan ma jikkontribwixxix, fil-fehma tiegħi, sabiex jintlaħaq l-għan, imsemmi b'mod partikolari fil-premessa 4 tad-Direttiva 2005/36, jiġifieri "[li] teħfief il-provvista libera ta' servizzi". F'dan ir-rigward, fid-dawl tas-sentenza X-Steuerberatungsgesellschaft, anki jekk UJ taġixxi f'isem DZK, ma jistax jitqies li hija ċċaqalqet għal dan l-għan fi Stat Membru differenti minn dak li fih hija stabbilita. Jista' jkun mod ieħor li kieku DZK bagħtet tabib dentist mill-Ġermanja għall-appuntamenti sabiex issir konsultazzjoni medika mal-klijenti tagħha, *quod non*.

97. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li r-risposta għad-domandi preliminari 3.1 u 3.2 tkun li d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 2(n), tal-Artikolu 3(d) u tal-Artikolu 4(a) tad-Direttiva 2011/24, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36 jipprekludu l-applikazzjoni ta' regoli professjonali nazzjonali għal fornitur ta' kura tas-saħħa permezz tat-telemediċina stabbilit fi Stat Membru ieħor. L-Artikolu 5(3) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li: fornitur ta' kura tas-saħħa ma jiċċaqlaqx lejn Stat Membru ieħor meta huwa sempliċement jipprovdi servizzi mediċi permezz tal-ICT, irrispettivament minn jekk servizzi ta' kura tas-saħħa addizzjonali humiex ipprovduti direttament minn terzi fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

5. Dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka mal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat FUE (domanda 4)

98. Permezz tad-domanda 4 tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-libertajiet ta' moviment iggarantiti mid-dritt primarju tal-Unjoni jipprekludux il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi prinċipalment eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni ta' tabib dentist u li tipprevedi l-possibbiltà, għaċ-ċittadini taż-ŻEE, li jeżerċitaw din il-professjoni f'dan l-Istat Membru unikament fuq bażi temporanja.

99. Preliminarjament, nosserva li l-kwistjoni ta' eventwali inkompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Awstrijaka kkonċernata dwar ix-xogħol tat-tobba dentisti mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tqum biss fil-każ li jeżisti element transkonfinali. Issa, f'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet.

100. Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tas-servizzi ta' "telemediċina" pprovduti minn DZK[59] fl-Awstrija mill-Ġermanja, għandu effettivament jiġi kkunsidrat li jeżisti element transkonfinali. Madankollu, id-dispożizzjonijiet taz-ZÄG ma humiex rilevanti peress li, kif jirriżulta mir-risposti li nipproponi li jingħataw għad-domandi preċedenti, huwa biss id-dritt Ġermaniż li huwa applikabbli għal dawk is-servizzi, kemm taħt id-Direttiva 2011/24 kif ukoll taħt id-Direttiva 2000/31. Għaldaqstant, id-dritt Awstrijak ma huwiex applikabbli u l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tiegħu mal-Artikolu 56 TFUE ma tqumx, peress li r-rekwiżiti taz-ZÄG ma jistgħux jiġu invokati kontra DZK.

101. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-servizzi fiżiċi mwettqa minn UJ, l-eżistenza ta' element transkonfinali hija iktar inċerta, sa fejn tabib dentist Awstrijak, jeżamina, fl-Awstrija, pazjent li huwa preżunt Awstrijak. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, dan il-każ jikkonċerna għalhekk sitwazzjoni purament interna mingħajr ma jinkludi element transkonfinali, il-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi prevista fl-Artikolu 56 TFUE, ma humiex

[59] Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

għalhekk rilevanti. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tidher li timputa l-attività kollha tat-tabib Awstrijak lil DZK, peress li hija titlaq mill-prinċipju li UJ taġixxi "bħala awżiljarju eżekuttiv" għan-nom ta' DZK, b'tali mod li l-eżami fiżiku fl-Awstrija għandu jitqies li twettaq minn din tal-aħħar. Fil-fatt, il-formulazzjoni tad-domanda magħmula minn dik il-qorti tidher li tassimila persuna ġuridika, DZK, ma' "tabib dentist barrani", finzjoni legali li tqajjem ċerti mistoqsijiet. L-analiżi li ġejja hija bbażata fuq din il-premessa stabbilita mill-imsemmija qorti – li, infakkar, hija l-unika kompetenti sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża [60] –, u li skontha UJ taġixxi biss bħala l-"*longa manus*" ta' DZK u li, f'każ bħal dan, id-dispożizzjonijiet taz-ZÄG dwar it-tobba dentisti japplikaw għal DZK.

102. F'dan il-kuntest, huma biss id-dispożizzjonijiet taz-ZÄG li jistgħu jaffettwaw il-provvisti fiżiċi ta' DZK meta hi tirrikorri għal UJ li huma loġikament inkwistjoni. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-Artikolu 31 taz-ZÄG, li jirregola l-"libertà li jiġu pprovduti servizzi" u li jirrigwarda biss il-persuni fiżiċi awtorizzati sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' tabib dentist [61], ma jistax japplika għal persuna ġuridika bħal DZK, anki jekk indirettament, peress li din tal-aħħar ma qajmitx il-possibbiltà li tirrikorri, għall-finijiet tas-servizzi fiżiċi fl-Awstrija, għal kollaboraturi li jeżerċitaw legalment dik il-professjoni fi Stati Membri oħra minbarra r-Repubblika tal-Awstrija. Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 24 ta' din il-liġi, li jipprovdu li t-tabib dentist għandu jeżerċita l-professjoni tiegħu personalment u direttament jidhirli li jikkonċerna wkoll il-persuni fiżiċi biss. Barra minn hekk, fir-realtà, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta, sa fejn huwa paċifiku li UJ twettaq is-servizzi fiżiċi "personalment u direttament", minkejja li tagħmel hekk f'isem DZK. Għaldaqstant, jidher li l-unika dispożizzjoni taz-ZÄG li tista' taffettwa l-provvista tas-servizzi fiżiċi minn UJ f'isem DZK fl-Awstrija tista' tkun dik tal-punt 1 tal-Artikolu 26(3) taz-ZÄG, li tirrigwarda l-kompożizzjoni tal-"kliniċi ta' grupp ta' professjonisti" u, b'mod partikolari, ir-rekwiżit li s-soċji kollha ta' tali kliniċi jkunu membri tal-professjoni ta' tabib dentist awtorizzati jeżerċitaw din il-professjoni b'mod indipendenti. Fil-fatt, għalkemm huma legalment awtorizzati joperaw klinika dentali fil-Ġermanja, ma jfissirx b'daqshekk li s-soċji ta' DZK huma tobba dentisti. Din l-aħħar regola għandha għalhekk tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu [62]

103. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, inqis li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-attività ta' DZK, fil-kuntest tal-kollaborazzjoni tagħha ma' UJ, twassalx sabiex din titqies bħala "stabbilita" fl-Awstrija, u dan jinvolvi analiżi magħmula fid-dawl tal-Artikolu 49 TFUE [63]. Min-naħa l-oħra, jekk DZK ma hijiex stabbilita fl-Awstrija, DZK għandha tiġi kkunsidrata bħala fornitur transkonfinali li jaqa' taħt il-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, f'dan il-każ, għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 100 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dispożizzjonijiet taz-ZÄG ma jistgħux jiġu invokati kontra DZK.

[60] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Stoß *et* (C-316/07, C-358/07 sa C-360/07, C-409/07 u C-410/07, EU:C:2010:504, punti 62 sa 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[61] Ara l-punti 21 u 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[62] Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Malta Dental Technologists Association u Reynaud (C-125/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Malta Dental", EU:C:2017:707, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[63] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Institut des Experts en Automobiles (C-502/20, EU:C:2021:678, punti 32 sa 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Kontra stabbiliment, fis-sens ta' integrazzjoni kontinwa u stabbli ta' DZK fil-ħajja ekonomika fit-territorju Awstrijak jimmilitaw, f'dan il-każ, l-elementi li ġejjin: il-fatt li kemm fid-dritt kif ukoll *de facto*, UJ tibqa fil-parti l-kbira awtonoma fir-relazzjonijiet li hija għandha mal-pazjenti tagħha; il-fatt li UJ, hekk kif ġie kkonfermat matul is-seduta, tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' DZK numru limitat ta' siegħat u, fl-aħħar nett, il-fatt li l-provvista ta' servizz li hija tagħti fil-kuntest tal-kollaborazzjoni tagħha ma' DZK hija mħallsa b'mod distint. Bl-istess mod, jidhirli li huwa partikolarment importanti li jiġi enfasizzat il-fatt li UJ ma tirċievix istruzzjonijiet fil-kuntest tal-attività ta' mediċina dentali konkreta u li hija twettaq din abbażi tal-għarfien tagħha. Dan japplika kemm għall-eżamijiet kif ukoll għar-rakkomandazzjonijiet dwar proċedura ta' allinjament tas-snien permezz ta' braces. F'dan ir-rigward għandha tiġi vverifikata s-sistema ta' remunerazzjoni ta' UJ fil-każ ta' rakkomandazzjoni negattiva li tikkonċerna tali proċedura ta' allinjament.

104. Fit-tieni lok, jekk, wara li teżamina ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, il-qorti tar-rinviju kellha tikkunsidra li DZK tuża lil UJ sabiex tintegra ruħha b'mod stabbli u kontinwu fil-ħajja ekonomika Awstrijaka u li hija għandha għalhekk titqies li hija stabbilita fl-Awstrija, għandu imbagħad jiġi eżaminat jekk il-libertà ta' stabbiliment iggarantita bl-Artikolu 49 TFUE tipprekludix regoli, bħal dawk taz-ZÄG, li jeżiġu li s-soċji tal-"kliniċi ta' grupp ta' professjonisti" jkunu membri tal-professjoni ta' tabib dentist awtorizzati li jeżerċitaw din il-professjoni b'mod indipendenti.

105. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li d-domanda preliminari tiġi fformulata mill-ġdid kif ġej: "meta klinika dentali tipprovdi, b'mod permanenti, servizzi fiżiċi fi Stat Membru differenti minn dak li fih hija awtorizzata teżerċita l-attività tagħha billi tirrikorri, bħala awżiljarju eżekuttiv, għal tabib dentist awtorizzat jipprattika f'dan l-Istat Membru, il-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE tipprekludi d-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni ta' dan l-istess Stat Membru li jeżiġu, b'mod partikolari, li l-'kliniċi ta' grupp ta' professjonisti', li fi ħdanhom it-tobba dentisti jistgħu jipprattikaw il-professjoni tagħhom, għandhom joperaw taħt il-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata u li s-soċji kollha jkunu membri tal-professjoni ta' tabib dentist awtorizzati jeżerċitaw din il-professjoni b'mod indipendenti?"

106. F'dan ir-rigward, jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 1 tal-Artikolu 26(3) taz-ZÄG li DZK ma tistax topera fl-Awstrija, anki jekk tirrikorri għal UJ bħala "awżiljarju eżekuttiv", sa fejn iz-ZÄG tidher li teskludi l-provvista ta' servizzi ta' mediċina dentali minn impriża li s-soċji tagħha ma humiex kollha tobba dentisti, anki jekk il-provvista ta' servizzi fuq il-post issir minn mandatarju "lokali".

107. F'dan ir-rigward, infakkar li, l-Artikolu 49 TFUE jimponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment. Skont il-formulazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment huma intiżi li jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, anki jekk applikabbli mingħajr distinzjoni minħabba n-nazzjonalità, tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat[64]. Tikkostitwixxi tali restrizzjoni leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-istabbiliment fl-Istat Membru ospitanti ta' operatur ekonomiku ta' Stat Membru ieħor għall-ħruġ minn qabel ta' awtorizzazzjoni u li tirriżerva l-eżerċizzju ta' attività indipendenti għal ċerti operaturi ekonomiċi[65]. Fil-fatt, dan jidher li huwa l-każ fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-kompożizzjoni tal-"kliniċi ta' grupp ta' professjonisti", previsti miz-ZÄG. Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.

108. Madankollu, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment, li huma applikabbli mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni li dawn ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan[66].

[64] Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, Susisalo *et* (C-84/11, EU:C:2012:374, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[65] Ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punti 22 sa 24 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, mill-angolu tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenza Kohll (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[66] Ara s-sentenzi Malta Dental (punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, f'dan ir-rigward, ukoll, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2018, CMVRO (C-297/16, EU:C:2018:141, punt 86).

Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludix indikazzjonijiet suffiċjentement issostanzjati għal dak li jirrigwarda dan l-aspett, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tipproċedi, jekk ikun il-każ, għal evalwazzjoni ddettaljata, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-Repubblika tal-Awstrija.

109. Madankollu, huwa konċepibbli li l-kundizzjoni imposta miz-ZÄG għandha l-għan li tiżgura s-sigurtà tal-benefiċjarji tas-servizzi ta' kura medika. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-parteċipazzjoni obbligatorja ta' tabib dentist [67], fit-trattament ta' pazjent li jiġi pprovdut servizzi minn tekniku dentali, hija intiża sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li tikkostitwixxi raġuni ta' interess pubbliku, bil-potenzjal li tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment [68]. Fir-rigward tan-natura proporzjonata ta' tali obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rekwiżit tal-intermedjazzjoni obbligatorja ta' prattikant tad-dentistrija huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan l-għan [69].

110. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi li r-risposta għad-domanda preliminari 4 kif ifformulata mill-ġdid tkun li l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kull miżura nazzjonali li tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat, b'mod partikolari leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-istabbiliment fl-Istat Membru ospitanti ta' operatur ekonomiku ta' Stat Membru ieħor għall-ħruġ minn qabel ta' awtorizzazzjoni u li tirriżerva l-eżerċizzju ta' attività indipendenti lil ċerti operaturi ekonomiċi, sakemm din il-leġiżlazzjoni ma tkunx iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

C. Konklużjoni

111. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, Awstrija) kif ġej:

1) L-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali;

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-kunċett ta' "kura tas-saħħa pprovduta fil-każ tat-telemediċina", ikopri biss is-servizzi mediċi li jitwettqu esklużivament permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u li s-servizzi pprovduti fiżikament, fil-preżenza simultanja tat-tabib u tal-pazjent, ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "telemediċina", fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, anki jekk huma pprovduti fil-kuntest ta' kuntratt ta' kura unika li jinkludi kemm servizzi ta' telemediċina kif ukoll servizzi fiżiċi wiċċ imb'wiċċ, indipendentement mill-grad ta' prevalenza ta' kull wieħed minn dawn is-servizzi.

2) Id-Direttiva 2011/24

[67] B'mod iktar preċiż, din hija persuna li tkun wettqet it-taħriġ dentali msemmi fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2005/36 u li jkollha l-kwalifika ta' taħriġ bażiku ta' tabib dentali.

[68] Ara s-sentenza Malta Dental (punti 57 u 58).

[69] Ara s-sentenza Malta Dental (punti 60 sa 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tiġi evalwata l-osservanza minn Stat Membru tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tas-saħħa pubblika, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel grad fost il-beni u l-interessi protetti mit-Trattat FUE u huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu l-livell li jridu jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-mod kif għandu jintlaħaq dan il-livell. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, l-Istati Membri għandhom jingħataw marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam.

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

il-kontenut normattiv tagħha ma huwiex limitat għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, li jinsabu fil-Kapitolu III tagħha, iżda jinkludi wkoll regoli dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru ta' trattament u tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, li huma previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva, b'tali mod li, fir-rigward tal-"kura tas-saħħa" li taqa' taħt it-"telemediċina", fis-sens tal-Artikolu 3(d) tal-imsemmija direttiva, il-klassifikazzjoni ta' "Stat Membru tat-trattament" fir-rigward ta' dan it-tip ta' kura tas-saħħa għandha importanza mhux biss għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, b'mod partikolari skont l-Artikolu 7(7) tal-istess direttiva, iżda anki għal-leġiżlazzjoni, l-istandards u l-linji gwida fil-qasam tal-kwalità u tas-sigurta' applikabbli għal din it-tip ta' kura tas-saħħa, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/24.

3) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern, moqri flimkien mal-Artikolu 2(a) u (h) ta' din id-direttiva,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

servizzi ta' telemediċina jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni" u għalhekk jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31, li jimplika, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 3(1) u (2) tagħha, minn naħa, li huwa kull Stat Membru bħala Stat Membru ta' oriġini tas-servizzi mis-soċjetà tal-informazzjoni li għandu jirregola dawn is-servizzi u, għalhekk, li għandu jipproteġi l-għanijiet ta' interess ġenerali msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 3(4)(a) ta' din id-direttiva, u, min-naħa l-oħra, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru, bħala Stat Membru ta' destinazzjoni tas-servizzi mis-soċjetà tal-informazzjoni, li ma jirrestrinġix il-moviment liberu ta' dawn is-servizzi billi jeżiġi l-osservanza ta' obbligi addizzjonali, li jaqgħu fil-qasam ikkordinat, li dan tal-aħħar ikun adotta.

4) L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

fornitur ta' kura tas-saħħa ma jiċċaqlaqx lejn Stat Membru ieħor meta huwa sempliċement jipprovdi servizzi mediċi permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, irrispettivament minn jekk servizzi ta' kura tas-saħħa addizzjonali humiex ipprovduti direttament minn terzi fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

5) L-Artikolu 49 TFUE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi kull miżura nazzjonali li tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat u b'mod partikolari leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-istabbiliment fl-Istat Membru ospitanti ta' operatur ekonomiku ta' Stat Membru ieħor għall-ħruġ minn qabel ta' awtorizzazzjoni u li tirriżerva l-eżerċizzju ta' attività indipendenti lil ċerti operaturi ekonomiċi, sakemm din il-leġiżlazzjoni ma tkunx iġġustifikata minn raġunijiet ta' interess pubbliku.